# RIFORMA FL-APPELLI
# ĠUSTIZZJA FL-IPPJANAR

Dokument għall-konsultazzjoni pubblika



**GVERN TA' MALTA**
MINISTERU GĦALL-INFRASTRUTTURA,
L-IPPJANAR U X-XOGĦOL

Din il-Konsultazzjoni Pubblika hija maħruġa
mill-Ministeru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol
u hija miftuħa **sat-Tlieta 18 ta' Awwissu 2026**

Dan id-Dokument aċċessibbli onlajn fuq **facts.mt**
Feedback jista' jiġi sottomess b'email fuq **consultations.mipe@gov.mt**

# RIFORMA FL-APPELLI
## ĠUSTIZZJA FL-IPPJANAR

Lulju 2026

**GVERN TA' MALTA**
MINISTERU GĦALL-INFRASTRUTTURA,
L-IPPJANAR U X-XOGĦOL

# Werrej


| | |
|---|---|
| Daħla | 3 |
| 1. Introduzzjoni mill-Prim Ministru Robert Abela | 4 |
| 2. Introduzzjoni mill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol | 6 |
| 3. Kuntest u raġuni tar-riforma | 8 |
| 4. Metodoloġija u materjali kkunsidrati | 9 |
| 5. Il-kritika li kellha tiġi indirizzata | 10 |
| 6. Il-qafas legali tal-Kap. 551 kif inhu llum | 11 |
| 7. Il-qafas konsegwenzjali f'Kap. 552 u l-punti ta' rabta | 12 |
| 8. Il-prinċipji li mexxew il-proposti | 13 |
| 9. Il-mudell propost | 14 |
| 10. Emendi proposti għal Kap. 551 | 15 |
| 11. L-emendi lill-artikolu 78 ta' Kap. 552 | 16 |
| 12. Rinviju, finalità u l-istadju tal-Qorti | 17 |
| 13. Implimentazzjoni amministrattiva, infurzar u ċertifikazzjoni | 18 |
| 14. Dispożizzjonijiet tranżitorji u implimentazzjoni | 19 |
| 15. Konklużjoni | 20 |
| 16. Impatt fuq l-atturi prinċipali | 21 |
| Anness A – Emendi għall-Kap 551 u 552 | 22 |
| Anness B – Tabella artikolu b'artikolu | 44 |

# Daħla

## Is-sistema tal-appelli minn permessi ta' żvilupp hija rregolata prinċipalment mill-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, Kapitolu 551 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll mill-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, Kapitolu 552 tal-Liġijiet ta' Malta.

F'dawn l-aħħar snin tqajmet diskussjoni dwar l-effettività tal-proċess tal-appelli, partikolarment f'każijiet fejn permess ta' żvilupp ikun għadu suġġett għal appell iżda x-xogħlijiet ikunu jistgħu jibdew jew ikomplu waqt li l-appell ikun pendenti. Dan wassal għal tħassib li, f'ċerti ċirkostanzi, il-valur prattiku tal-appell jista' jitnaqqas jew jintilef kompletament qabel ma tingħata deċiżjoni finali.
Il-ħtieġa li jkun hemm proċess aktar ġust u prevedibbli fil-qasam tal-ippjanar kienet ukoll riflessa fil-Manifest Elettorali tal-Gvern permezz tal-miżura li tipprovdi li għandu jinbeda l-proċess leġiżlattiv sabiex ma jkunx jista' jibda żvilupp jew bini ġdid sakemm il-permess ikun għadu suġġett għal proċeduri ta' appell.

L-emendi proposti huma maħsuba biex jindirizzaw din is-sitwazzjoni billi jistabbilixxu sistema fejn, meta jiġi ppreżentat appell li jitlob it-tħassir, l-annullament, ir-revoka, it-tnaqqis jew il-limitazzjoni ta' permess ta' żvilupp jew ta' xi jedd mogħti bih, il-permess jiġi sospiż awtomatikament ope legis skont il-liġi sakemm jiġi deċiż l-appell.

Għal dan il-għan ġew imfassla żewġ abbozzi ta' liġi koordinati. L-ewwel abbozz jemenda l-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (Kap. 551) u jintroduċi l-mekkaniżmi proċedurali meħtieġa sabiex is-sistema tkun effiċjenti, ġusta u proporzjonata. It-tieni abbozz jemenda l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Kap. 552) sabiex jagħti effett amministrattiv u regolatorju lis-sospensjoni tal-permessi u jiżgura l-implimentazzjoni prattika tar-riforma proposta.

Għalhekk, dawn iż-żewġ abbozzi għandhom jinqraw u jiġu kkunsidrati bħala pakkett leġiżlattiv wieħed li jsaħħaħ id-dritt għal appell effettiv, filwaqt li jżomm bilanċ xieraq bejn l-interessi tal-appellanti, tad-detenturi tal-permessi u tal-pubbliku inġenerali.

01



## Introduzzjoni mill-Prim Ministru

Wasal iż-żmien li Malta tiftaħ paġna ġdida b'riforma importanti għal aktar ġustizzja fil-qasam tal-ippjanar. B'pajjiż li qed ikompli jikber ekonomikament, irridu nużaw l-art tagħna bil-għaqal u b'mod responsabbli.



Għandna ekonomija b'saħħitha għax konna u qed nibqgħu ffukati fuq il-prijoritajiet tal-pajjiż. Bil-ġid li qed jinħoloq, l-ippjanar sar kruċjali iktar minn qatt qabel f'pajjiżna. Il-pjan nazzjonali tagħna tal-Viżjoni Malta 2050 ipoġġi enfasi qawwija fuq l-iżvilupp sostenibbli u d-direzzjoni li bdejna nagħtu favur il-kwalità.

Fuq riforma usa' fl-ippjanar qed nibqgħu nikkonsultaw ma' stakeholders ewlenin iżda fuq bidliet li hemm qbil ġenerali, irridu nibdew nimplimentaw. Ksibna l-fiduċja tan-nies biex inġibu bidliet li jimpattaw il-kwalità tal-ħajja tan-nies. Is-settur tal-ippjanar huwa wieħed minnhom u għalhekk kommessi li nwettqu l-impenn politiku li tajna fil-programm ta' ħidma u li fuqu l-poplu tana mandat b'saħħtu.

Din ir-riforma tas-sistema tal-appelli fil-qasam tal-ippjanar hija waħda minn dawk l-impenji li wegħidna li niskattaw fl-ewwel mitt jum ta' Gvern ġdid, u issa qed nagħtu bidu għal dak il-proċess. Is-sistema moderna tal-ippjanar għandha tkun mibnija fuq il-fiduċja, il-ġustizzja u ċ-ċertezza legali. Huwa dmir tagħna bħala Stat, li nassiguraw li l-proċessi kollha jkunu kredibbli, trasparenti u effettivi.

Ir-riżultat li qed naslu għalih hu frott proċess wiesgħa ta' djalogu ma' msieħba u rappreżentanti minn oqsma differenti, fejn smajna b'attenzjoni l-esperjenzi, il-proposti u t-tħassib ta' dawk kollha li huma parti minn din is-sistema. Huwa approċċ li juri l-konvinzjoni tagħna li l-aqwa riformi huma dawk li jinbnew permezz tal-parteċipazzjoni u tal-kollaborazzjoni.

Il-bidliet li qed nipproponu jfittxu bilanċ ġust bejn id-drittijiet u l-obbligi ta' kull min huwa involut fil-proċess tal-ippjanar. Jirrispettaw kemm lil min japplika għal permess ta' żvilupp kif ukoll lil min iħoss il-ħtieġa li joġġezzjona għal applikazzjoni ta' żvilupp. Fl-istess waqt, qed insaħħu d-dritt għall-appell billi niżguraw li dan ikun sostnut minn rimedji effettivi li jagħtu valur reali lill-proċess kollu.

Din mhijiex sempliċement bidla fil-liġi. Hija riforma li tkompli ssaħħaħ is-saltna tad-dritt u żżid il-fiduċja fis-sistema tal-ippjanar. Pajjiż modern jeħtieġ istituzzjonijiet li jkunu kapaċi jieħdu deċiżjonijiet b'mod effiċjenti, iżda wkoll b'ġustizzja u b'rispett sħiħ lejn id-drittijiet ta' kulħadd. Dan hu l-bilanċ ġdid: protezzjoni vera u stabbiltà legali għal kulħadd. Il-liġi ma tħarisx lejn min hu l-aktar b'saħħtu, imma lejn min għandu raġun. Għalhekk qed insaħħu l-leġittimità tal-proċess għax il-ġustizzja li tistenna fil-ġenb hija ġustizzja miċħuda.

Din hija bidla li tassew se tagħti serħan il-moħħ u trankwillità lill-Maltin u l-Għawdxin. Ninsab fiduċjuż li l-aħħar proċess ta' konsultazzjoni pubblika se jkompli jsaħħaħ dawn il-proposti sensibbli biex nissiġġillaw riforma li tagħmel is-sistema tal-ippjanar aktar ġusta. Hekk inkomplu nwettqu l-viżjoni tagħna għal Malta u Għawdex isbaħ u aħjar li jkomplu javvanzaw bi żvilupp li jagħmel sens.

**Robert Abela**
Prim Ministru

02



## Introduzzjoni mill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol

L-ippjanar huwa wieħed mill-aktar oqsma li jinfluwenzaw direttament il-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini tagħna, l-iżvilupp ekonomiku tal-pajjiż, il-protezzjoni tal-ambjent u l-użu responsabbli tal-art.

Għalhekk, dan il-Gvern qed ikompli jwettaw il-viżjoni tiegħu għal sistema ta' ippjanar li tkun mibnija fuq pedamenti sodi ta' ġustizzja, trasparenza, ċertezza legali u rispett lejn id-drittijiet ta' dawk kollha involuti fil-proċess.

Matul is-snin, is-sistema tal-appelli fil-qasam tal-ippjanar qajmet tħassib u diskussjonijiet leġittimi dwar il-fatt li, minkejja li l-liġi tipprovdi għal appell minn deċiżjoni ta' żvilupp, ix-xogħlijiet setgħu jibdew jew javvanzaw waqt li l-proċess ta' appell ikun għadu pendenti. Din ir-realtà wasslet għal sitwazzjonijiet fejn il-valur prattiku tal-appell ma kienx qiegħed jibqa' effettiv, u għalhekk kien meħtieġ li nindirizzaw din il-kwistjoni b'mod serju, responsabbli u bbilanċjat.

Ir-riforma li qed nippreżentaw illum hija maħsuba biex tindirizza proprju din ir-realtà. Il-prinċipju fundamentali tagħha huwa sempliċi, jekk il-liġi tagħti dritt ta' appell, dak id-dritt għandu jkun wieħed reali u effettiv. Fl-istess ħin, il-Gvern jagħraf ukoll li kull riforma trid tħares lejn il-ħtiġijiet u l-aspettattivi leġittimi tad-detenturi tal-permessi, tal-awtoritajiet regolatorji u tal-pubbliku inġenerali, b'mod partikolari dawk il-persuni li jkunu direttament milquta minn żvilupp. Għalhekk il-proposti mressqa jfittxu bilanċ ġust bejn l-effettività tal-appell u l-ħtieġa ta' proċeduri effiċjenti, prevedibbli u proporzjonati.

Il-qafas il-ġdid jipproponi s-sospensjoni awtomatika ta' permessi ta' żvilupp meta jiġi ppreżentat appell relevanti quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar. Fl-istess waqt, qed jiġu introdotti mekkaniżmi ġodda sabiex dawn il-każijiet jiġu deċiżi f'termini aktar rapidi kemm quddiem it-Tribunal kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Appell. Din mhijiex biss riforma dwar sospensjoni ta' permessi, hija riforma komprensiva li ssaħħaħ il-ġestjoni tal-każijiet, id-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri, il-koordinazzjoni bejn l-istituzzjonijiet u l-infurzar effettiv tal-liġi.

Din ir-riforma twettaq ukoll l-impenn ċar li dan il-Gvern kien għamel mal-poplu Malti u Għawdxi fil-Manifest Elettorali, fejn wegħedna li noħolqu proċess ta' ippjanar aktar ġust u prevedibbli għal kulħadd, kif ukoll mal-prinċipji stabbiliti fil-Viżjoni Malta 2050 li tqiegħed il-governanza tajba, it-trasparenza u l-iżvilupp sostenibbli fil-qalba tat-tfassil tal-politika pubblika.

Madanakollu, nemmen bis-sħiħ li din ir-riforma tirrappreżenta pass ieħor fil-modernizzazzjoni tas-sistema tal-ippjanar ta' pajjiżna. Huwa għalhekk li qed inpoġġu dawn il-proposti għall-konsultazzjoni pubblika, sabiex nisimgħu direttament il-fehmiet tagħkhom, sabiex nkomplu nsaħħu dan il-qafas leġiżlattiv.

Ninsab konvint li, permezz ta' djalogu miftuħ u kostruttiv, nistgħu nwasslu għal riforma li tkompli ssaħħaħ il-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet tagħna u li tiggarantixxi sistema ta' ippjanar aktar ġusta, effettiva u kredibbli għall-ġid tal-pajjiż.

**Jonathan Attard**
Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol

03

## Kuntest u raġuni tar-riforma

Dan l-istudju jitraċċa l-proċess li wassal għal żewġ abbozzi marbuta ma' xulxin: abbozz li jemenda l-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, Kapitolu 551 tal-Liġijiet ta' Malta, u abbozz ta' emendi konsegwenzjali lill-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, Kapitolu 552. L-eżerċizzju beda b'identifikazzjoni ta' kritika prattika fil-mod kif jaħdmu l-appelli kontra l-ħruġ ta' permessi ta' żvilupp, kompla b'analiżi tal-qafas legali eżistenti, u wassal għal mudell leġiżlattiv maħsub biex jagħmel l-appell effettiv mingħajr ma joħloq inċertezza sproporzjonata għal min ikun kiseb permess.

Il-kuntest tar-riforma huwa wieħed preċiż. Il-kwistjoni mhijiex jekk għandux jeżisti dritt ta' appell, għaliex dak id-dritt diġà jeżisti; u lanqas mhijiex jekk l-iżvilupp għandux ikun regolat, għaliex il-liġi dwar l-ippjanar diġà tipprovdi qafas sħiħ għal dan. Il-kwistjoni hija x'għandu jiġri bejn il-mument li fih jingħata permess u l-mument li fih appell minnu jiġi deċiż finalment. Il-kritika prevalenti hija li f'dak l-intervall il-permess jista' jkun għadu kontestat, iżda l-iżvilupp jista' jkun diġà beda jew avvanza b'mod li jagħmel ir-rimedju diffiċli jew saħansitra illużorju. Min-naħa l-oħra, sospensjoni awtomatika mingħajr struttura proċedurali effiċjenti tista' toħloq dewmien, spejjeż u inċertezza. Il-proposta għalhekk tfittex bilanċ bejn l-effettività tal-appell u l-ħtieġa ta' ċertezza u effiċjenza.

F'dan is-sens, il-pakkett joħloq sistema li fiha appell rilevanti jissospendi l-permess ope legis, iżda fl-istess waqt jimponi termini, jorganizza n-notifiki, jintroduċi għodod ta' case management fil-livell tat-Tribunal, jirregola r-rinviju mill-Qorti, jgħaqqad il-proċedura tal-Qorti mal-istatus tal-permess u jdaħħal f'Kap. 552 il-konsegwenzi amministrattivi, ta' infurzar, ta' ċertifikazzjoni u penali meħtieġa sabiex is-sospensjoni tkun operabbli.

L-approċċ emendat iqiegħed ir-regola prinċipali u l-proċedura f'Kap. 551, għaliex dak huwa l-Att li jistabbilixxi t-Tribunal, jirregola l-proċeduri quddiemu u jipprovdi għall-appelli mid-deċiżjonijiet tiegħu. Kap. 552, min-naħa l-oħra, jiġi emendat sabiex l-amministrazzjoni tal-permess, l-avviżi ta' bidu, l-infurzar, iċ-ċertifikati u r-reati jkunu konsistenti mal-istatus ta' permess sospiż.

Il-proposta għalhekk hija sistemika u mqassma bejn iż-żewġ Kapitoli. Kap. 551 joħloq ir-regola tas-sospensjoni, il-mekkaniżmi ta' notifika, it-termini, il-ġestjoni tal-proċess u l-kontinwità sal-ġudikat. Kap. 552 jirrifletti dik ir-regola fil-proċess tal-permess u jagħti lill-Awtorità u lill-Kabinett is-setgħat, il-limiti u l-obbligi konsegwenzjali meħtieġa.

04

## Metodoloġija u materjali kkunsidrati

Il-metodoloġija kellha f'erba' stadji. L-ewwel stadju kien l-identifikazzjoni tal-kritika dwar is-sistema preżenti: x'inhu l-valur reali ta' appell jekk il-permess appellat jista' jiġi implimentat qabel ma dak l-appell jiġi deċiż? Minn din il-mistoqsija ħarġu kwistjonijiet dwar ir-reversibbiltà tax-xogħlijiet, aspettattivi leġittimi, jeddijiet kweżiti, l-effett tad-dewmien, u l-bilanċ bejn ġustizzja proċedurali u ċertezza għal min għandu permess.

It-tieni stadju kien legal assessment tal-Kap. 551 kif inhu llum. L-analiżi ffukat fuq l-artikoli li jirregolaw it-Tribunal, is-sospensjoni tal-iżvilupp, it-termini għal deċiżjoni, l-appelli mid-deċiżjonijiet tat-Tribunal u l-effett tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell. Attenzjoni partikolari ngħatat lill-artikolu 33, għaliex dan diġà jipprovdi għal mekkaniżmu ta' sospensjoni, iżda fuq talba, b'diskrezzjoni u taħt limiti speċifiċi.

It-tielet stadju kien eżami tal-punti ta' rabta mal-Kap. 552. Dan kien meħtieġ għaliex il-permess li jiġi sospiż jinħareġ taħt dik il-liġi, għaliex l-Awtorità tamministra l-avviżi ta' bidu, il-fajl diġitali, l-infurzar u ċ-ċertifikazzjoni taħtha, u għaliex l-artikolu 78 jipprovdi mekkaniżmu speċjali ta' riferiment lill-Kabinett tal-Ministri. Minn dan l-eżami nħoloq abbozz konsegwenzjali separat għal Kap. 552.

Ir-raba' stadju kien reviżjoni artikolu b'artikolu taż-żewġ abbozzi u cross-checking tal-interazzjoni bejniethom. L-għan kien li l-valutazzjoni tirrifletti t-test attwali dwar is-sospensjoni, l-annotazzjoni, l-avviżi ta' bidu, l-infurzar, iċ-ċertifikazzjoni, ir-reati, l-artikolu 78 u d-dispożizzjonijiet tranżitorji, u li jiġu identifikati b'mod espress punti li jeħtieġu allinjament ulterjuri.

# 05

## Il-kritika li kellha tiġi indirizzata

Il-kritika ewlenija hija li l-appell jista' jkun formalment disponibbli iżda prattikament ineffettiv. F'sistema ta' ppjanar, iż-żmien għandu importanza partikolari. Bini jista' jitla' malajr; demolizzjoni tista' sseħħ f'ġurnata; skavar jista' jbiddel sit b'mod immedjat; bidla fl-użu tista' toħloq realtajiet kummerċjali u soċjali li mbagħad isiru diffiċli biex jiġu mneħħija. Għalhekk, jekk il-liġi tħalli l-permess jiġi implimentat liberament waqt l-appell, il-proċess jista' jispiċċa jiddeċiedi dwar sitwazzjoni li diġà nbidlet.

Dan ma jfissirx li kull appell huwa ġustifikat; il-punt huwa differenti: meta l-liġi tagħti dritt ta' appell, dak id-dritt għandu jkollu effett prattiku. Id-dritt ta' appell ma jistax jitnaqqas għal proċess astratt fejn, sa ma tingħata d-deċiżjoni, il-permess ikun diġà ġie eżegwit. Minn dan il-lat, il-problema hija waħda ta' effettività tar-rimedju u ta' rispett lejn il-funzjoni ġurisdizzjonali tat-Tribunal u tal-Qorti.

Il-problema hija wkoll waħda ta' bilanċ. Min ikun kiseb permess għandu interess leġittimu li ma jinżammx f'inċertezza indefinita. Permess li jkun għadda mill-proċess tal-Awtorità ma jistax jiġi trattat bħallikieku ma jeżistix. Għalhekk, riforma li toħloq sospensjoni awtomatika għandha fl-istess waqt toħloq terminu u proċedura li jżommu l-appell miexi. Mingħajr dawn il-kontropiżijiet, sospensjoni awtomatika tista' ssir piż mhux proporzjonat.

Il-qafas eżistenti jipprova jindirizza l-problema permezz ta' talba għal sospensjoni. Dan għandu l-vantaġġ li jħalli lit-Tribunal jevalwa l-preġudizzju f'każ partikolari. Madankollu, għandu wkoll żvantaġġi. L-appellant irid jitlob is-sospensjoni fil-ħin u jikkonvinċi lit-Tribunal; it-Tribunal irid jisma' lill-partijiet; il-permess jista' jkun diġà beda jiġi implimentat; u s-sospensjoni, jekk tingħata, hija limitata b'mod li tista' tiskadi ipso iure. Dan jista' jnaqqas il-protezzjoni reali tal-appell.

Kwistjoni oħra hija li x-xogħlijiet magħmula waqt li l-appell ikun pendenti jistgħu jinħolqu bħala "fatt fuq il-post". Anki jekk il-liġi tgħid li żvilupp illegali jista' jitneħħa, fil-prattika kull stadju ta' implementazzjoni jżid kumplessità. Jista' jinħolqu argumenti ta' proporzjonalità, aspettattivi, spejjeż, relazzjonijiet ma' terzi, jew diffikultajiet ta' ripristin. Għalhekk, jekk il-liġi trid tipproteġi l-proċess tal-appell, għandha taġixxi qabel l-implimentazzjoni, mhux biss wara.

Il-problema għandha wkoll aspett istituzzjonali. Sistema li tħalli l-permess jiġi implimentat qabel l-appell finali tista' tagħti l-impressjoni li l-proċess ta' appell huwa sekondarju jew tardiv. Min-naħa l-oħra, sistema li tissospendi kull permess iżda ma tiddeċidix malajr tista' tnaqqas il-fiduċja fil-kapaċità tal-istituzzjonijiet li jagħtu ġustizzja fil-ħin. Għalhekk, il-proposta tikkombina sospensjoni ma' obbligu ta' tmexxija mgħaġġla u struttura amministrattiva aktar robusta.

# 06

## Il-qafas legali tal-Kap. 551 kif inhu llum

Il-Kap. 551 jistabbilixxi t-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar bħala tribunal indipendenti u imparzjali maħluq biex jirrevedi deċiżjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar u tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi. L-Att jirregola wkoll il-proċeduri quddiem it-Tribunal u l-appelli mid-deċiżjonijiet tiegħu.

Il-liġi attwali diġà tirrikonoxxi li jista' jkun hemm każijiet fejn l-eżekuzzjoni ta' permess għandha tiġi sospiża. L-artikolu 33 jippermetti lit-Tribunal, fuq talba tal-appellant magħmula mar-rikors tal-appell, jissospendi l-eżekuzzjoni tal-permess permezz ta' deċiżjoni parzjali. Dan ifisser li s-sospensjoni mhijiex awtomatika; tiddependi minn talba u minn deċiżjoni. Il-mudell eżistenti għalhekk jagħmel is-sospensjoni rimedju inċidentali, mhux effett legali normali ope legis tal-appell.

L-istess artikolu 33 jipprovdi test ta' bilanċ; it-Tribunal ma għandux jissospendi l-permess jekk ma jkunx sodisfatt, wara li jisma' lill-partijiet, li l-preġudizzju li jirriżulta min-nuqqas ta' sospensjoni jkun sproporzjonat meta mqabbel mal-preġudizzju li jirriżulta mis-sospensjoni. It-Tribunal ma għandux jissospendi wkoll jekk l-iżvilupp jista' jiġi faċilment imneħħi jew imqiegħed lura fl-istat preċedenti, jew jekk it-talba tkun frivola jew vessatorja.

L-artikolu 34 attwali jorbot deċiżjoni fuq il-mertu ma' każijiet fejn l-eżekuzzjoni tal-permess tkun ġiet sospiża. Dan juri li l-liġi diġà tifhem ir-relazzjoni bejn sospensjoni u ħeffa fid-deċiżjoni. Dan juri li l-idea eżistenti hija diġà li meta jkun hemm sospensjoni, għandu jkun hemm ukoll obbligu li l-appell jiġi deċiż malajr. Il-proposta żżomm din il-loġika iżda tbiddilha f'sistema aktar komprensiva: mhux sospensjoni diskrezzjonali għal żmien limitat, iżda sospensjoni awtomatika marbuta ma' termini u mekkaniżmi proċedurali.

L-artikolu 35 jittratta l-każijiet fejn ma jkunx hemm sospensjoni jew fejn it-talba għal sospensjoni tiġi miċħuda. Dan joħloq distinzjoni bejn appelli li għandhom effett immedjat fuq l-implimentazzjoni u appelli li ma għandhomx. Fil-prattika, din id-distinzjoni hija importanti għaliex tgħid kemm il-proċess għandu jimxi b'urġenza. Il-proposta l-ġdida torganizza din id-distinzjoni mill-ġdid: appelli li jolqtu permess sospiż jidħlu f'kors urġenti; appelli oħra jibqgħu f'kors separat.

Il-Kap. 551 jipprovdi wkoll għal appelli mid-deċiżjonijiet tat-Tribunal. Taħt il-qafas attwali, appell quddiem il-Qorti tal-Appell isir fuq punt ta' liġi u għandu jiġi ppreżentat fi żmien għoxrin ġurnata. Madankollu, il-liġi eżistenti ma toħloqx proċedura speċifika u urġenti għall-Qorti f'każ fejn il-permess ikun sospiż. Din hija lakuna importanti għaliex, jekk is-sospensjoni għandha tibqa' matul l-istadju tal-Qorti, il-Qorti wkoll għandha jkollha qafas proċedurali li jindirizza l-urġenza.

L-analiżi tal-Kap. 551 għalhekk wasslet għal konklużjoni prinċipali: il-liġi attwali fiha prinċipji tajbin iżda ma tagħtix soluzzjoni kompleta. Diġà hemm sospensjoni, termini, kontroll kontra abbuż, u diġà hemm appell lill-Qorti. Iżda dawn l-elementi huma mibnija madwar sospensjoni diskrezzjonali u limitata. Il-proposta tibni fuq dawn l-elementi u tagħmilhom parti minn sistema awtomatika, urġenti u konsegwenzjali.

# 07

## Il-qafas konsegwenzjali f'Kap. 552 u l-punti ta' rabta

Il-Kap. 552 huwa l-Att li jirregola l-ippjanar tal-iżvilupp: fih id-definizzjonijiet dwar permess, żvilupp, użu u xogħlijiet; jistabbilixxi l-Awtorità tal-Ippjanar; u jirregola l-proċess tal-permessi, il-monitoraġġ, l-infurzar u ċ-ċertifikazzjoni. L-aħħar abbozz ma jibqax jittratta lil Kap. 552 bħala sempliċi sfond normattiv, iżda jemendah direttament sabiex ikun konsistenti mas-sospensjoni awtomatika taħt Kap. 551.

L-ewwel rabta hija definizzjonali u proċedurali. L-artikolu 2 jintroduċi l-kunċett ta' "permess sospiż". L-artikolu 71 jitlob lil min jagħmel dikjarazzjoni ta' interess jew rappreżentazzjonijiet jindika u jaġġorna indirizz elettroniku għan-notifika; min jonqos, bħala regola, ma jkunx jista' jinvoka nuqqas ta' notifika individwali quddiem it-Tribunal, bla ħsara għas-setgħa tat-Tribunal li jordna mod ieħor fl-interess tal-ġustizzja.

It-tieni rabta hija mal-operazzjoni tal-permess. L-artikolu 72 jorbot espressament l-eżekuzzjoni u l-effett tal-permess mal-artikolu 33 ta' Kap. 551, jipprojbixxi li avviż ta' bidu jiġi ppreżentat, milqugħ jew ikollu effett matul is-sospensjoni, u jwaqqaf il-mogħdija ta' kull terminu għall-bidu, validità, twettiq, tlestija, użu jew implimentazzjoni. L-artikolu 72A jżid annotazzjoni fil-fajl diġitali u jobbliga lill-Awtorità taġġornaha meta jinbidel l-istatus tas-sospensjoni, mingħajr ma jagħmel l-annotazzjoni kostituttiva. It-tielet rabta hija mal-integrità u l-infurzar. L-artikolu 73 jipprekludi li xogħol jew użu bi ksur tas-sospensjoni joħloq jedd kweżit, aspettattiva leġittima, commitment ta' ppjanar, vantaġġ għal sanzjonar jew regolarizzazzjoni, jew benefiċċju ieħor. L-artikolu 97 jikkwalifika tali attività bħala żvilupp li jmur kontra l-Att u jippermetti avviżi ta' waqfien u twettiq; l-artikolu 102 jillimita l-ħruġ ta' ċertifikati; u l-artikolu 103 joħloq reat speċifiku.

Ir-raba' rabta hija l-artikolu 78. L-abbozz inaqqas it-terminu għar-riferiment minn ħmistax-il jum għal tliet ijiem ta' xogħol u joħloq mekkaniżmu espress li permezz tiegħu l-Ministru jista', f'każijiet li jaqgħu taħt ir-raġunijiet eżistenti tas-subartikolu (2), jitlob lill-Kabinett jiddeċiedi dwar l-applikazzjoni jew il-modalitajiet tas-sospensjoni. Id-deċiżjoni trid tkun motivata, meħtieġa u proporzjonata u hija soġġetta għal kontestazzjoni ġudizzjarja speċjali.

Il-ħames rabta hija l-koordinazzjoni amministrattiva. L-artikolu 33A ta' Kap. 551 jirregola l-avviż inizjali u l-ewwel annotazzjoni, filwaqt li l-artikolu 72A ta' Kap. 552 jirregola wkoll l-aġġornament kontinwu tal-fajl meta jkun hemm deċiżjoni tat-Tribunal, appell jew sentenza tal-Qorti, deċiżjoni tal-Kabinett jew fatt ieħor li jbiddel jew itemm is-sospensjoni. Iż-żewġ dispożizzjonijiet huma kumplimentari u għandhom jiġu implimentati permezz ta' workflow wieħed.

Il-pakkett għalhekk ma jibqax wieħed purament proċedurali. Kap. 551 joħloq l-istatus ta' sospensjoni u l-kors tal-appell; Kap. 552 jagħti lil dak l-istatus konsegwenzi fil-ġestjoni tal-permess, fil-prevenzjoni ta' fatti kompjuti, fl-infurzar, fiċ-ċertifikazzjoni u fir-responsabbiltà penali. Din id-distribuzzjoni bejn iż-żewġ Atti ssaħħaħ l-effettività, iżda teħtieġ konsistenza testwali u operattiva bejn id-dispożizzjonijiet paralleli.

08

## Il-prinċipji li mexxew il-proposti

L-ewwel prinċipju huwa l-effettività tar-rimedju. Appell għandu jkun kapaċi jipproteġi l-pożizzjoni li dwarha jkun qiegħed jiġi eżerċitat. F'kuntest ta' ippjanar, dan ifisser li l-permess appellat ma għandux jiġi implimentat b'mod li jagħmel impossibbli jew sproporzjonat ir-rimedju li l-appellant ikun qed ifittex. Is-sospensjoni awtomatika proposta hija għalhekk risposta għall-problema ta' fatti irreversibbli jew diffiċli biex jitreġġgħu lura.

It-tieni prinċipju huwa l-proporzjonalità. Effettività ma tfissirx li d-detentur tal-permess għandu jinżamm indefinittivament f'inċertezza dwar l-istatus tiegħu. Għalhekk, il-proposta torbot is-sospensjoni ma' proċeduri mħaffa u effiċjenti. Il-permess ikun sospiż, iżda t-Tribunal u l-Qorti jkollhom termini speċifiċi biex jiddeċiedu, filwaqt li ż-żmien tal-validità tal-permess ma jiddekorrix matul is-sospensjoni. It-tielet prinċipju huwa ċ-ċertezza legali. Il-liġi għandha tgħid b'mod ċar meta tibda s-sospensjoni,

kemm iddum, x'jiġri jekk ikun hemm appell quddiem il-Qorti, x'jiġri jekk ikun hemm rinviju, u x'jiġri jekk il-proċess jittardja jew l-appell jiġi rtirat jew abbandunat. Għalhekk, il-proposta tuża l-kunċett ta' "deċiżjoni li għaddiet in ġudikat" u torbot it-tmiem tas-sospensjoni mal-finalità proċedurali.

Ir-raba' prinċipju huwa t-traċċabbiltà amministrattiva. Regola legali għandha tkun viżibbli fis-sistemi li l-parteċipanti jużaw ta' kuljum. Għalhekk hemm dispożizzjonijiet dwar avviż mis-Segretarju, annotazzjoni u aġġornament fil-fajl diġitali, reġistru elettroniku, skedi ċċertifikati, indirizzi elettroniċi u komunikazzjoni mar-Reġistratur tal-Qrati. Dawn id-dispożizzjonijiet ma joħolqux is-sospensjoni, iżda jagħmluha magħrufa u operabbli.

Il-ħames prinċipju huwa l-integrità tal-proċess. Atti, xogħlijiet, użi jew operazzjonijiet magħmula bi ksur tas-sospensjoni ma għandhomx jagħtu vantaġġ lil min jagħmilhom. Għalhekk il-pakkett jippreskludi jeddijiet kweżiti, aspettattivi leġittimi u vantaġġi ta' sanzjonar jew regolarizzazzjoni, jagħmel possibbli l-infurzar, jillimita ċ-ċertifikazzjoni u joħloq reat speċifiku għal min jaġixxi taħt permess sospiż.

Is-sitt prinċipju huwa l-finalità u l-ekonomija proċedurali. It-Tribunal jingħata setgħat ċari wara rinviju sabiex jagħti effett lis-sentenza tal-Qorti, filwaqt li l-Qorti hija mistennija, safejn ikun possibbli, tiddeċiedi l-aggravji kollha mressqa quddiemha. L-għan huwa li jitnaqqsu rinviji ripetuti, appelli suċċessivi u dewmien li ma jżidx valur għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja.

# 09

## Il-mudell propost

Il-mudell propost jibda minn regola preċiża: meta jiġi ppreżentat appell li bih jintalab li permess, jew xi jedd, fakultà, benefiċċju jew vantaġġ mogħti bih, jiġi mħassar, annullat, revokat, imnaqqas jew limitat, l-eżekuzzjoni, l-operazzjoni, l-implimentazzjoni u l-effett ġuridiku tal-permess jitqiesu sospiżi bis-saħħa tal-liġi. F'każ ta' preżentata elettronika barra mill-ħinijiet tar-reġistru, il-bidu tas-sospensjoni huwa marbut mal-ħin tat-trażmissjoni elettronika, mingħajr ma jinbidel il-mument tal-preżentata għall-finijiet proċedurali l-oħra.

Il-mudell ikopri wkoll sitwazzjoni differenti: meta, f'appell li ma jaqax taħt ir-regola prinċipali, it-Tribunal jagħti permess jew jordna l-ħruġ jew it-tibdil tiegħu, l-effett ta' dak il-permess jibqa' sospiż mid-data tad-deċiżjoni tat-Tribunal sakemm dik id-deċiżjoni tgħaddi in ġudikat. Is-sospensjoni testendi għal kull xogħol, żvilupp, demolizzjoni, skavar, bdil jew kontinwazzjoni ta' użu, sanzjonar jew forma oħra ta' implimentazzjoni jew tgawdija tal-permess.

Il-perjodu tas-sospensjoni huwa marbut mad-determinazzjoni finali. Is-sospensjoni tibqa' sakemm il-proċeduri dwar il-permess ikunu ġew determinati finalment u d-deċiżjoni relattiva tkun għaddiet in ġudikat. Meta jsir appell quddiem il-Qorti tal-Appell, jew meta l-Qorti tibgħat lura l-atti lit-Tribunal, is-sospensjoni tkompli mingħajr interruzzjoni.

Il-proposta tgħid ukoll x'ma jtemmx is-sospensjoni. Din ma tintemmx minħabba mogħdija taż-żmien, dewmien fil-proċeduri jew nuqqas li tingħata deċiżjoni fit-terminu preskritt. Meta l-appell jiġi ċedut, irtirat jew iddikjarat abbandunat, is-sospensjoni tibqa' sakemm id-dikjarazzjoni jew id-deċiżjoni relattiva tgħaddi in ġudikat, mingħajr preġudizzju għal sospensjoni oħra li tkun fis-seħħ.

Sabiex is-sospensjoni ma ssirx piż bla kontroll, l-artikolu 34 jagħmel l-appelli dwar permess sospiż urġenti. L-ewwel seduta għandha tinżamm mhux aktar tard minn tletin jum u d-deċiżjoni finali għandha tingħata mhux aktar tard minn sitt xhur. It-terminu jista' jiġi estiż bil-qbil espress tal-partijiet kollha; u jekk it-Tribunal jonqos milli jiddeċiedi fil-ħin, iċ-Chairperson responsabbli għandu jagħti direttivi urġenti, inkluż, fejn xieraq, l-assenjazzjoni lil panel ieħor.

F'każ ta' rinviju, l-artikolu 31 jagħti lit-Tribunal is-setgħat meħtieġa u anċillari sabiex jagħti effett sħiħ lis-sentenza tal-Qorti, iżda jillimita dawk is-setgħat għal dak li jkun meħtieġ u jħares id-dritt tal-partijiet li jinstemgħu. L-artikolu 34 jistabbilixxi terminu ġdid ta' sitt xhur mit-trasmissjoni tas-sentenza u tal-atti lis-Segretarju. Min-naħa tagħha, il-Qorti għandha, safejn ikun possibbli, tiddeċiedi l-aggravji kollha sabiex jiġu evitati rinviji ulterjuri.

Il-Qorti tal-Appell għandha wkoll proċedura urġenti. L-appell għandu jiġi ppreżentat fi żmien għoxrin jum; il-Qorti għandha taħtru għas-smigħ fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol għal data mhux aktar tard minn xahrejn; u s-sentenza għandha tingħata fi żmien erba' xhur, b'estensjoni waħda sa xahrejn. Il-preżentata u r-risposti jsiru elettronikament, u l-abbozz jipprovdi wkoll eċċezzjoni meta dan ikun impossibbli.

# 10

## Emendi proposti għal Kap. 551

L-ewwel grupp ta' emendi jintroduċi l-vokabolarju meħtieġ: "assistent ġudizzjarju tat-Tribunal", "deċiżjoni li għaddiet in ġudikat", "indirizz elettroniku għan-notifika" u definizzjoni wiesgħa ta' "permess" purament għall-finijiet tal-artikoli 33, 33A, 34 u 52B. Id-definizzjoni tal-ġudikat tagħlaq ukoll il-kwistjoni ta' finalità meta deċiżjoni tiġi annullata u l-atti jintbagħtu lura.

L-artikoli jirregolaw l-assistent ġudizzjarju bħala għodda proċedurali, mhux bħala sostitut tat-Tribunal. Huwa jista' jassisti fil-ġbir u fl-organizzazzjoni tal-provi, iħarrek xhieda, jamministra ġuramenti u jmexxi passi awtorizzati, iżda kull kwistjoni kontenzjuża jew deċiżorja tibqa' riservata lit-Tribunal.

L-artikoli 15A, 20, 21 u 38A joħolqu katina ta' notifika mill-bidu sal-istadju tal-Qorti. L-appellant jippreżenta lista tal-partijiet; l-Awtorità tippreżenta lista ċċertifikata; kull parteċipant jikkonferma l-indirizz tiegħu; ir-risposti tal-applikant, tat-terzi persuni interessati u tal-konsulenti esterni jiġu limitati għal terminu ta' għoxrin jum; u mad-deċiżjoni tinħareġ skeda ċċertifikata li tista' tintuża mill-Qorti.

L-artikolu 15B jagħti lit-Tribunal setgħa ġenerali u kontinwa li joħroġ, jemenda jew jissostitwixxi direttivi proċedurali sabiex jiġu evitati dewmien, spejjeż u dehriet għalxejn. Dan mhuwiex aktar digriet inizjali obbligatorju b'kontenut preskritt, iżda strument flessibbli ta' case management. L-emenda lill-artikolu 11 għandha tinqara f'dan il-kuntest: titħassar il-funzjoni indikata fil-paragrafu (g) u l-paragrafu sussegwenti jiġi rrinumerat.

L-artikoli 23, 25 u 44 jorganizzaw it-tmexxija tal-appell. L-ewwel seduta ordinarja għandha tinżamm fi żmien xahrejn, jew fi żmien tletin jum fil-kors urġenti. Appelli multipli mill-istess deċiżjoni jew permess għandhom, kemm jista' jkun, jiġu allokati, mismugħa u deċiżi flimkien. L-aċċess fuq is-sit jista' jiġi ordnat fuq talba jew ex officio, b'direttivi dwar preżenza, sigurtà, privatezza u spejjeż; u titneħħa l-projbizzjoni assoluta li kienet tillimita l-preżenza ta' terza persuna interessata meta l-appellant joġġezzjona.

L-artikoli 31 u 52 isaħħu l-finalità wara l-istadju tal-Qorti. It-Tribunal jingħata setgħat speċifiċi biex iwettaq sentenza ta' rinviju, filwaqt li l-Qorti għandha, safejn ikun possibbli fuq l-atti, tiddeċiedi kull aggravju debitament imressaq. Jekk tħalli aggravju mhux deċiż, għandha tagħti r-raġuni.

L-artikoli 33, 33A, 34, 35 u 42 jiffurmaw il-qalba tas-sistema f'Kap. 551. Huma jistabbilixxu s-sospensjoni awtomatika, il-projbizzjoni fuq implimentazzjoni, il-kontinwità sal-ġudikat, l-avviż u l-ewwel annotazzjoni, il-kors urġenti ta' sitt xhur, il-kors ordinarju ta' sena estendibbli darba, u r-regoli dwar ċessjoni, irtirar jew abbandun. Il-konsegwenzi amministrattivi ulterjuri jiġu mbagħad riflessi f'Kap. 552.

L-artikolu 47 iżomm reġim distint għall-appelli ambjentali: talba għas-sospensjoni tal-effett tad-deċiżjoni għandha ssir b'rikors separat u tiġi deċiża fi żmien tletin jum. L-artikolu 51 jillimita appelli minn deċiżjonijiet parzjali sal-appell mid-deċiżjoni finali, filwaqt li l-artikoli 52A u 52B jintroduċu preżentata elettronika u kors urġenti quddiem il-Qorti tal-Appell.

# 11

## L-emendi lill-artikolu 78 ta' Kap. 552

L-artikolu 78 ta' Kap. 552 diġà jipprovdi mekkaniżmu speċjali għal ċerti appelli li jistgħu jiġu riferiti lill-Kabinett tal-Ministri. L-abbozz iżomm il-kategoriji sostantivi tas-subartikolu (2), iżda jqassar it-terminu fir-rigward tar-riferiment minn ħmistax-il jum għal tlett ijiem ta' xogħol u jżid regoli speċifiċi dwar l-effett tas-sospensjoni.

Il-Ministru jista' jitlob deċiżjoni jew direzzjoni dwar is-sospensjoni biss meta l-appell ikun jirrigwarda deċiżjoni li taqa' taħt waħda jew aktar mir-raġunijiet tas-subartikolu (2) u meta l-appell ikun qiegħed jiġi riferit lill-Kabinett. Il-mekkaniżmu għalhekk ma joħloqx setgħa ġenerali sabiex titneħħa sospensjoni barra mill-kuntest speċifiku tal-artikolu 78.

Il-Kabinett jista' jiddeċiedi li s-sospensjoni ma tapplikax, jew li tiġi varjata, limitata jew suġġetta għal kundizzjonijiet, u jista' jistabbilixxi modalitajiet għall-implimentazzjoni tal-permess jew ta' parti minnu. Madankollu, dan jista' jsir biss safejn ikun meħtieġ u proporzjonat sabiex jiġi mħares l-interess pubbliku rilevanti, mingħajr ma jingħata vantaġġ mhux ġustifikat lil persuna partikolari u mingħajr preġudizzju għad-determinazzjoni finali tal-appell.

It-talba tal-Ministru u d-deċiżjoni jew direzzjoni tal-Kabinett għandhom jidentifikaw ir-raġuni legali li fuqha jkunu msejsa u jagħtu r-raġunijiet dwar il-ħtieġa u l-proporzjonalità tal-miżura. Meta jkun involut tagħrif sensittiv dwar sigurtà nazzjonali, difiża jew sigurtà pubblika, il-motivazzjoni tista' tiġi redatta b'mod li ma jiżvelax dak it-tagħrif, iżda għandha, safejn possibbli, tindika n-natura ġenerali tal-interess pubbliku.

L-artikolu 78(13) joħloq kontestazzjoni speċjali quddiem il-Qorti tal-Appell fil-kompetenza superjuri tagħha. Ir-rikors għandu jiġi ppreżentat fi żmien għaxart ijiem mill-komunikazzjoni jew, skont il-każ, mill-pubblikazzjoni. Il-locus standi jestendi għall-partijiet fl-appell, għall-applikant jew detentur tal-permess, għat-terzi persuni interessati rilevanti u għal organizzazzjoni mhux governattiva ambjentali reġistrata; il-kontroll huwa limitat għal legalità sostantiva jew proċedurali, inklużi kompetenza, proċedura, raġonevolezza, proporzjonalità, motivazzjoni u osservanza tas-subartikoli (8) sa (12).

Il-kontestazzjoni ma tissospendix awtomatikament id-deċiżjoni tal-Kabinett. Il-Qorti tista', madankollu, tordna sospensjoni, varjazzjoni jew limitazzjoni provviżorja meta dan ikun meħtieġ sabiex jiġi evitat preġudizzju serju jew ħsara serja u irreversibbli, jew fl-interess tal-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja. Ir-rikors prinċipali għandu jiġi deċiż sa mhux aktar tard minn xahar mill-preżentata.

L-artikoli 33(13) u (14) ta' Kap. 551 jagħtu effett lil deċiżjoni espressa tal-Kabinett fuq is-sospensjoni, filwaqt li l-artikolu 34(9) u (10) jorganizza l-proċedura tat-Tribunal waqt ir-riferiment. Id-deroga tibqa' limitata għall-kliem, id-data u l-portata tad-deċiżjoni; barra minn dawk il-limiti, is-sospensjoni tibqa' fis-seħħ.

12

## Rinviju, finalità u l-istadju tal-Qorti

Il-kunċett ta' "deċiżjoni li għaddiet in ġudikat" huwa ċentrali għall-mudell. Deċiżjoni ma titqiesx finali sakemm ma tkunx aktar soġġetta għal appell ordinarju u ma jkun hemm ebda appell ordinarju pendenti. Jekk il-Qorti tannulla deċiżjoni tat-Tribunal u tibgħat lura l-atti, il-finalità tiġi posposta sakemm jintemmu l-proċeduri wara r-rinviju u kull appell ordinarju sussegwenti.

L-artikolu 31 jagħti lit-Tribunal, wara rinviju, is-setgħa joħroġ ordnijiet u direttivi u jieħu miżuri meħtieġa jew anċillari sabiex jagħti effett sħiħ lis-sentenza jew ordni tal-Qorti. Dan jinkludi l-eżami sħiħ ta' kwistjonijiet jew konsiderazzjonijiet identifikati mill-Qorti.

Dawn is-setgħat mhumiex bla limitu. It-Tribunal għandu jħares id-drittijiet tal-partijiet, jagħtihom opportunità xierqa li jinstemgħu dwar kull materja li tkun ser tittieħed inkunsiderazzjoni, u juża s-setgħat biss safejn ikun meħtieġ għall-eżekuzzjoni tas-sentenza jew ordni tal-Qorti.

L-artikolu 34(5) jagħti dimensjoni temporali lir-rinviju: it-Tribunal għandu jagħti d-deċiżjoni l-ġdida mhux aktar tard minn sitt xhur mid-data li fiha s-sentenza u l-atti jiġu trasmessi lis-Segretarju. B'hekk il-bidu tat-terminu jintrabat ma' att amministrattiv identifikabbli.

L-artikolu 52(4) jindirizza l-kawża ta' rinviji ripetuti. Meta l-Qorti tannulla jew tvarja d-deċiżjoni u tibgħat lura l-atti, għandha, safejn ikun possibbli fuq l-atti, tikkunsidra u tiddeċiedi kull aggravju debitament imressaq, anki jekk aggravju wieħed ikun diġà biżżejjed għar-riżultat. Jekk tħalli aggravju mhux deċiż, għandha tindika r-raġunijiet.

L-artikolu 51 jnaqqas il-frammentazzjoni proċedurali billi jipprovdi li appell minn deċiżjoni parzjali jsir biss flimkien ma' appell mid-deċiżjoni finali, sakemm il-liġi ma tipprovdix espressament mod ieħor. Dan iżomm il-proċess miġbur u jevita appelli paralleli fuq passi intermedi.

L-artikolu 52A jagħmel il-preżentata elettronika r-regola quddiem il-Qorti tal-Appell. Att riċevut mis-sistema jitqies ippreżentat fil-ħin tar-riċezzjoni, iżda jekk jiġi riċevut barra mill-ħinijiet tal-ftuħ jitqies ippreżentat fl-ewwel jum sussegwenti li fih ir-reġistru jkun miftuħ. Eċċezzjoni hija permessa meta l-preżentata elettronika tkun impossibbli u r-raġuni tiġi ddikjarata bil-ġurament.

L-artikolu 52B joħloq kors urġenti għal deċiżjoni dwar permess sospiż: skeda ċċertifikata mar-rikors, appuntat għas-smigħ fi żmien qasir, notifika elettronika, risposta fi għoxrin jum, trasmissjoni tal-atti mit-Tribunal f'ħamest ijiem ta' xogħol, u sentenza fi żmien erba' xhur estendibbli darba. In-nuqqas li jiġi osservat it-terminu ma jtemmx is-sospensjoni.

# 13

## Implimentazzjoni amministrattiva, infurzar u ċertifikazzjoni

L-artikolu 33(4) ta' Kap. 551 jagħti lis-sospensjoni effett dirett, filwaqt li l-artikolu 72 ta' Kap. 552 jagħtiha effett fil-ġestjoni tal-permess. Matul is-sospensjoni ebda avviż ta' bidu ma jista' jiġi ppreżentat, milqugħ jew ikollu effett; avviż ippreżentat qabel ma jawtorizza ebda xogħol jew użu; u t-termini għall-bidu, validità, twettiq, tlestija, użu jew implimentazzjoni ma jiddekorrix.

L-artikoli 33A ta' Kap. 551 u 72A ta' Kap. 552 joħolqu sistema f'żewġ livelli: avviż u annotazzjoni inizjali fi żmien tlett ijiem ta' xogħol, u aġġornament tal-fajl diġitali kull meta deċiżjoni, appell, sentenza, direzzjoni tal-Kabinett jew fatt ieħor ibiddel l-istatus. L-artikolu 71 jsaħħaħ din is-sistema billi jitlob indirizz elettroniku mingħand min jipparteċipa fil-proċess amministrattiv.

L-artikoli 33(9) ta' Kap. 551 u 73(2A) ta' Kap. 552 jipprevjenu li ksur tas-sospensjoni jinbidel f'vantaġġ legali jew ta' ppjanar. Barra minn hekk, l-artikolu 97(1A) jagħmel xogħol jew użu taħt permess sospiż attività jew żvilupp kontra l-Att u jippermetti lill-Kunsill Eżekuttiv joħroġ avviż ta' waqfien, ta' twettiq, jew tat-tnejn.

L-artikolu 102(2A) jipprekludi l-ħruġ ta' ċertifikat ta' konformità jew ċertifikat ieħor fuq il-bażi ta' xogħol, żvilupp, użu jew operazzjoni magħmula bi ksur tas-sospensjoni, sakemm l-Awtorità ma tkunx sodisfatta li l-ksur ġie rimedjat, li l-miżuri u l-kundizzjonijiet ġew osservati u li ma hemmx avviż ta' waqfien jew twettiq pendenti.

L-artikolu 103(1)(f) jagħmel reat il-bidu, il-kontinwazzjoni, it-twettiq, il-kawżar jew il-permess ta' żvilupp, xogħol, użu jew operazzjoni taħt permess sospiż, ħlief għal miżura temporanja u strettament neċessarja taħt l-artikolu 33(11) jew għal dak li jkun espressament awtorizzat taħt l-artikolu 78. L-implimentazzjoni għalhekk teħtieġ integrazzjoni bejn ir-reġistru tal-appelli, is-sistema tal-permessi, l-infurzar, iċ-ċertifikazzjoni u l-prosekuzzjoni.

14

# Dispożizzjonijiet tranżitorji u implimentazzjoni

Iż-żewġ abbozzi jippermettu dħul fis-seħħ f'dati stabbiliti mill-Ministru, inklużi dati differenti għal dispożizzjonijiet differenti. L-abbozzi ta' Kap. 551 u Kap. 552 japplikaw l-emendi għal appelli dwar permessi li d-deċiżjoni dwarhom tkun ittieħdet fid-data tad-dħul fis-seħħ jew wara.

Dan ifisser li appelli pendenti quddiem it-Tribunal jew il-Qorti immedjatament qabel id-data rilevanti, kif ukoll rinviji jew appelli ulterjuri li jirriżultaw minnhom, jibqgħu regolati mil-liġi preċedenti. Iż-żewġ abbozzi jipproteġu xogħol, użu jew operazzjoni magħmula legalment qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn l-abbozzi. Il-Kap. 552 għandu wkoll regola speċifika għall-persuni li jkunu diġà pparteċipaw mingħajr indirizz elettroniku.

# 15

# Konklużjoni

Il-proposta twieġeb għal problema definita: il-periklu li appell kontra permess ta' żvilupp jiġi mneħħi mill-valur tiegħu jekk il-permess jiġi implimentat qabel mal-appell jiġi deċiż finalment. Il-liġi eżistenti tipprovdi għal sospensjoni fuq talba, iżda dik is-sospensjoni hija diskrezzjonali, limitata u tista' tiskadi qabel id-determinazzjoni finali. Il-proposta tbiddel il-punt tat-tluq: f'appell rilevanti, il-permess jieqaf awtomatikament.

Din il-bidla ma ssirx b'mod iżolat. L-abbozz għal Kap. 551 jinkludi termini għall-ewwel seduta u għad-deċiżjoni, setgħat ta' case management, notifika elettronika, koordinazzjoni ta' appelli multipli, skedi ċċertifikati, regoli dwar rinviju, finalità, irtirar u abbandun, u proċedura urġenti quddiem il-Qorti tal-Appell.

L-abbozz għal Kap. 552 jagħlaq il-katina regolatorja. Huwa jikkontrolla l-avviżi ta' bidu, iwaqqaf il-mogħdija taż-żmien, jipprovdi għall-annotazzjoni kontinwa, jipprekludi jeddijiet jew vantaġġi li jirriżultaw minn ksur, jawtorizza infurzar, jillimita ċ-ċertifikazzjoni u joħloq reat. Għalhekk, is-sospensjoni ma tibqax biss regola fl-atti tal-appell, iżda status li għandu effetti fil-ħajja amministrattiva kollha tal-permess.

Il-mekkaniżmu tal-Kabinett taħt l-artikolu 78 jibqa' eċċezzjoni marbuta ma' raġunijiet ta' interess pubbliku, iżda l-aħħar verżjoni tirregolah b'mod sostanzjali: titlob motivazzjoni, ħtieġa u proporzjonalità, tipprojbixxi vantaġġ mhux ġustifikat, u toħloq kontestazzjoni urġenti quddiem il-Qorti tal-Appell fil-kompetenza superjuri tagħha, flimkien ma' possibbiltà ta' rimedju provviżorju.

B'mod ġenerali, il-qafas propost huwa kemm rimedjali kif ukoll eżekuttiv. Jipproteġi lill-appellant billi jagħmel l-appell effettiv; jipproteġi lid-detentur tal-permess billi jissospendi l-mogħdija taż-żmien u jimponi termini ta' deċiżjoni; jgħin lit-Tribunal b'assistent ġudizzjarju u direttivi ta' tmexxija; jagħti lill-Qrati korsijiet urġenti; u jagħti lill-Awtorità bażi espressa għall-amministrazzjoni, l-infurzar u ċ-ċertifikazzjoni.

Il-valur tal-proposta jinsab fil-koerenza bejn iż-żewġ Atti. Il-prinċipju għandu jinħoloq f'Kap. 551 u jiġi tradott f'konsegwenzi operattivi f'Kap. 552. Qabel il-promulgazzjoni, madankollu, għandu jsir allinjament finali tad-dispożizzjonijiet tranżitorji, tad-dati tad-dħul fis-seħħ, tal-fluss tal-annotazzjonijiet u tat-terminoloġija parallela, sabiex ma jinħoloqx permess li jkun suġġett għal konsegwenzi konsegwenzjali mingħajr ma jkun ċar li s-sospensjoni prinċipali ġiet attivata.

16

## Impatt fuq l-atturi prinċipali

Għall-appellant, l-impatt ewlieni huwa li l-appell isir rimedju reali. L-appellant ma jkollux għalfejn jibda minn talba separata għal sospensjoni meta l-appell jaqa' taħt l-artikolu 33(1), u lanqas juri fl-ewwel stadju li n-nuqqas ta' sospensjoni ser joħloq preġudizzju sproporzjonat. Madankollu, l-appell għandu jidentifika talba li tattiva l-artikolu 33 u għandu jiġi mħejji b'mod li jippermetti l-kors urġenti.

Għad-detentur tal-permess, l-effett inizjali huwa restrittiv: il-permess ma jkunx jista' jiġi implimentat, avviż ta' bidu ma jkollux effett u ksur jista' jwassal għal infurzar, rifjut ta' ċertifikat u responsabbiltà penali. Min-naħa l-oħra, iż-żmien tal-validità jieqaf jiddekorri, il-proċeduri huma marbuta ma' termini speċifiċi u miżuri temporanji strettament neċessarji jibqgħu possibbli.

Għat-Tribunal, ir-riforma toħloq piż ġdid iżda tagħtih ukoll għodod ġodda. Il-piż huwa l-obbligu li każijiet ta' permess sospiż jimxu b'urġenza. L-għodod huma l-assistent ġudizzjarju, id-direttivi flessibbli taħt l-artikolu 15B, il-koordinazzjoni ta' appelli multipli, in-notifika elettronika, l-iskedi ċċertifikati u s-setgħat speċifiċi wara rinviju. Dawn il-mezzi jeħtieġu amministrazzjoni attiva u riżorsi adegwati.

Għall-Qrati, l-abbozzi joħolqu żewġ korsijiet urġenti distinti. Il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) tittratta l-appell mid-deċiżjoni tat-Tribunal dwar permess sospiż, filwaqt li l-Qorti tal-Appell fil-kompetenza superjuri tagħha tisma' l-kontestazzjoni kontra deċiżjoni jew direzzjoni tal-Kabinett taħt l-artikolu 78. Iż-żewġ korsijiet għandhom termini qosra u jitolbu amministrazzjoni elettronika effiċjenti. Għall-Awtorità tal-Ippjanar, l-impatt huwa kemm amministrattiv kif ukoll eżekuttiv: għandha tippreżenta lista ċċertifikata, tirċievi u tirrifletti l-avviż tas-sospensjoni, iżżomm l-annotazzjoni aġġornata, ma tilqax avviż ta' bidu effettiv, tieħu miżuri ta' infurzar fejn ikun hemm ksur u ma toħroġx ċertifikat sakemm il-kundizzjonijiet legali ma jkunux sodisfatti. Dan jeħtieġ integrazzjoni tas-sistemi u protokolli interni ċari.

Għall-Ministru u għall-Kabinett tal-Ministri, is-setgħa taħt l-artikolu 78 tiġi aktar strutturata u aktar kontestabbli. Kull deroga mis-sospensjoni għandha tkun marbuta ma' raġuni statutorja, limitata għal dak li huwa meħtieġ u proporzjonat, debitament

## Anness A
## Emendi għall-Kap 551 u 552

ATT tal-2026



# ATT

*sabiex jemenda l-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, Kap. 551, u sabiex jipprovdi għal sospensjoni awtomatika ta' permessi meta jkun hemm appell, għal proċeduri mħaffa u għal materji anċillari u konsegwenzjali.*

## IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

### Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2026 li jemenda l-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar.

(2) Dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

(3) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-ippjanar jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta, u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal dispożizzjonijiet differenti tiegħu.

### Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

2. L-artikolu 2 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:
(a) minnufih qabel it-tifsira ta' "Chairperson" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

"assistent ġudizzjarju tat-Tribunal" tfisser persuna maħtura mit-Tribunal sabiex tassisti fit-tħejjija, tmexxija u organizzazzjoni proċedurali tal-appell, u sabiex, taħt l-awtorità u d-direzzjoni tat-Tribunal, tirċievi, tirreġistra jew torganizza provi, tilqa' dokumenti, tamministra ġuramenti meta tkun hekk awtorizzata, tħejji minuti, tmexxi jew tassisti fil-ġbir tal-provi u fil-kontro-eżami tax-xhieda, u twettaq dawk il-funzjonijiet proċedurali oħra li t-Tribunal jista' jassenjalha taħt dan l-Att:

Iżda assistent ġudizzjarju tat-Tribunal ma għandux jeżerċita ebda funzjoni deċiżorja fuq il-mertu tal-appell jew fuq xi kwistjoni kontenzjuża bejn il-partijiet, ħlief għal direttivi purament proċedurali meħtieġa għat-tmexxija tal-inkarigu mogħti lilu mit-Tribunal; u kull kwistjoni dwar ammissibbiltà, rilevanza, privileġġ, nullità, jew kull kwistjoni oħra li teħtieġ deċiżjoni għandha tiġi riferita minnufih lit-Tribunal sabiex tiġi deċiża minnu;

(b) minnufih wara t-tifsira ta' "Chairperson" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

"deċiżjoni li għaddiet in ġudikat" tfisser deċiżjoni li ma tkunx aktar soġġetta għal appell ordinarju u li dwarha ma jkun hemm ebda appell ordinarju pendenti:

Iżda, meta deċiżjoni tat-Tribunal tiġi annullata mill-Qorti tal-Appell u l-atti jintbagħtu lura lit-Tribunal, id-deċiżjoni ma titqiesx li għaddiet in ġudikat qabel ma jiġu determinati finalment il-proċeduri wara r-rinviju u kull appell ordinarju li jista' jsir mid-deċiżjoni mogħtija wara dak ir-rinviju;

(ċ) minnufih wara t-tifsira ta' "Gvern" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

"indirizz elettroniku għan-notifika" tfisser indirizz ta' posta elettronika jew mezz elettroniku ieħor approvat jew preskritt għall-preżentata, riċezzjoni, trasmissjoni jew notifika ta' atti, avviżi, digrieti, ordnijiet, deċiżjonijiet u komunikazzjonijiet taħt dan l-Att;

(d) minnufih wara t-tifsira ta' "permess għall-iżvilupp" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:
"permess", għall-finijiet biss tal-artikoli 33, 33A, 34, 52B u kull dispożizzjoni oħra relatata magħhom, tfisser kull permess, approvazzjoni, awtorizzazzjoni, deċiżjoni jew direzzjoni mogħtija taħt l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp jew taħt regolamenti magħmula taħtu li tagħti, tikkonferma jew iġġib magħha xi jedd, fakultà, benefiċċju jew vantaġġ ta' ppjanar, inkluż kull jedd għall-bidu, kontinwazzjoni jew twettiq ta' żvilupp, xogħlijiet, demolizzjoni, skavar, bdil fl-użu, kontinwazzjoni ta' użu, sanzjonar, jew kull forma oħra ta' implimentazzjoni ta' żvilupp, sew jekk dak il-jedd ikun jista' jiġi eżerċitat minnufih sew jekk ikun suġġett għal kondizzjonijiet, rekwiżiti, approvazzjonijiet jew passi ulterjuri;"

## Emenda tal-artikolu 6 tal-Att prinċipali.

3. Minnufih wara s-subartikolu (3) tal-artikolu 6 tal-Att prinċipali għandhom jiżdiedu s-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(4) It-Tribunal jista', meta jqis li dan ikun meħtieġ sabiex il-proċeduri jitmexxew b'mod effiċjenti, spedjenti u mingħajr dewmien żejjed, jaħtar assistent ġudizzjarju tat-Tribunal sabiex iwettaq dawk il-funzjonijiet proċedurali li t-Tribunal jispeċifika fid-digriet tal-ħatra.

(5) Assistent ġudizzjarju tat-Tribunal għandu jaġixxi biss taħt l-awtorità u d-direzzjoni tat-Tribunal, u ma għandux jeżerċita ebda funzjoni deċiżorja. Kull kwistjoni li teħtieġ deċiżjoni għandha tiġi riferita lit-Tribunal sabiex tiġi deċiża minnu."

## Emenda tal-artikolu 11 tal-Att prinċipali.

4. Fl-artikolu 11(1) tal-Att prinċipali—
(a) il-paragrafu (g) għandu jitħassar; u

(b) il-paragrafu (h) għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (g).

## Żieda ta' artikolu ġdid 15A mal-Att prinċipali.

5. Minnufih wara l-artikolu 15 tal-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

**"Lista tal-partijiet u indirizzi elettroniċi għan-notifika.**

15A. (1) Kull rikors ta' appell għandu jkollu miegħu skeda, intitolata "Lista tal-Partijiet u Indirizzi Elettroniċi għan-Notifika", li tinkludi, safejn magħruf lill-appellant:

(a) l-isem sħiħ u indirizz elettroniku għan-notifika ta' kull appellant;

(b) l-isem sħiħ u indirizz elettroniku wieħed għan-notifika tal-applikant jew tad-detentur tal-permess, meta dan ma jkunx l-appellant;

(ċ) l-isem sħiħ u l-indirizz elettroniku għan-notifika ta' kull terza persuna interessata reġistrata, safejn dawn id-dettalji jkunu magħrufa lill-appellant jew jirriżultaw mill-atti tal-Awtorità tal-Ippjanar.

(2) L-Awtorità tal-Ippjanar għandha, fi żmien ħames (5) ijiem ta' minn meta tiġi informata bil-preżentata tal-appell jew minn meta tintalab tagħmel dan mis-Segretarju, tippreżenta lis-Segretarju lista ċċertifikata bl-ismijiet u bl-indirizzi elettroniċi għan-notifika tal-persuni msemmija fis-subartikolu (1), skont dak li jirriżulta mill-proċess tal-applikazzjoni.

(3) Kull persuna li tippreżenta risposta, nota, dokument jew sottomissjoni quddiem it-Tribunal għandha tindika u tikkonferma l-indirizz elettroniku tagħha għan-notifika. Kull tibdil f'dak l-indirizz għandu jsir biss permezz ta' nota separata ppreżentata fl-atti tal-appell u notifikata lis-Segretarju u lill-partijiet l-oħra; u, sakemm tali nota ma tkunx ġiet hekk ippreżentata u notifikata, l-aħħar indirizz elettroniku indikat jew ikkonfermat fl-atti għandu jibqa' jitqies bħala l-indirizz validu għan-notifika.

(4) Is-Segretarju għandu jżomm reġistru elettroniku uffiċjali għan-notifiki f'kull appell. Notifika magħmula fl-indirizz elettroniku li jkun jidher f'dak ir-reġistru għandha, għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, titqies bħala notifika valida. Għall-finijiet tal-komputazzjoni ta' kull terminu li jibda jiddekorri minn dik in-notifika, il-jum li fih issir in-notifika ma għandux jingħadd u t-terminu għandu jibda jiddekorri mill-jum immedjatament sussegwenti:

Iżda t-Tribunal jista' jordna notifika mill-ġdid, notifika addizzjonali jew notifika b'mezz ieħor.

(5) Persuna li tonqos, mingħajr raġuni tajba, milli tipprovdi, tikkonferma jew taġġorna l-indirizz elettroniku tagħha għan-notifika ma tistax tinvoka nuqqas ta' notifika meta l-att, avviż, digriet jew deċiżjoni jkunu ġew trasmessi fl-aħħar indirizz elettroniku tagħha li jkun jidher fir-reġistru uffiċjali.

(6) It-Tribunal jista', f'kull stadju, jordna l-korrezzjoni jew il-kompletazzjoni tar-reġistru elettroniku għan-notifiki, iżda tali korrezzjoni ma tolqotx il-validità ta' att li jkun ġie ppreżentat jew notifikat skont ir-reġistru kif kien jidher fil-mument tal-preżentata jew tan-notifika.

## Żieda ta' artikolu ġdid 15B mal-Att prinċipali.

6. Minnufih wara l-artikolu 15A tal-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

**"Direttivi tat-Tribunal.**

15B. (1) It-Tribunal jista', f'kull żmien qabel jew wara l-ewwel seduta, jagħti dawk l-ordnijiet, direttivi jew provvedimenti proċedurali li jqis meħtieġa għall-aħjar tħejjija u tmexxija tal-appell, sabiex jiġu evitati dewmien, spejjeż jew dehriet għalxejn u sabiex il-proċeduri jitmexxew b'mod ġust, ordinat u effiċjenti.

(2) It-Tribunal jista', f'kull stadju tal-proċeduri, jemenda, jissostitwixxi jew iżid ma' kull ordni, direttiva jew provvediment mogħti taħt dan l-artikolu.

(3) Meta parti tonqos milli tosserva terminu jew direttiva mogħtija taħt dan l-artikolu mingħajr raġuni tajba, it-Tribunal jista' jagħti dawk l-ordnijiet li jqis xierqa.

(4) Appell minn digriet jew direttiva mogħtija taħt dan l-artikolu, meta jkun appellabbli skont il-liġi, jista' jsir biss flimkien ma' appell mid-deċiżjoni finali tat-Tribunal, kemm-il darba l-liġi ma tipprovdix espressament mod ieħor."

## Emenda tal-artikolu 17 tal-Att prinċipali.

7. Is-subartikolu (2) tal-artikolu 17 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:
"(2) It-Tribunal, u kull assistent ġudizzjarju tat-Tribunal li jkun hekk awtorizzat mit-Tribunal, għandu jkollu s-setgħa li jħarrek xhieda u li jagħti l-ġurament lil kull persuna li tidher quddiemu."

## Emenda tal-artikolu 20 tal-Att prinċipali.

8. Fl-artikolu 20 tal-Att prinċipali:
(a) it-test eżistenti għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) tiegħu; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (1), kif enumerat mill-ġdid, għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:
"(2) Bla ħsara għall-artikoli 21 u 22, l-applikant, kull terza persuna interessata u kull konsulent estern li jkollhom jedd jipparteċipaw fl-appell, skont il-każ u meta dawn ma jkunux huma stess appellanti, jistgħu jippreżentaw ir-risposta tagħhom biss fi żmien għoxrin (20) jum mid-data li fiha jkunu ġew infurmati li jkun ġie ppreżentat l-appell."

## Emenda tal-artikolu 21 tal-Att prinċipali.

9. L-artikolu 21 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:
(a) minnufih wara l-kliem "fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol minn dik in-notifika" għandha tiżdied is-sentenza li ġejja:
"Kull persuna li titlob li tiġi reġistrata bħala terza persuna interessata skont dan l-artikolu tista' tippreżenta r-risposta tagħha fit-terminu stabbilit fl-artikolu 20."; u

(b) il-kliem "Iżda tali persuna ma tkunx tista' tattendi għal aċċessi fuq il-post meta t-Tribunal jidħol fil-proprjetà tal-appellant, jekk l-appellant joġġezzjona għall-preżenza ta' tali terza persuna interessata fil-proprjetà tiegħu." għandhom jitħassru.

## Sostituzzjoni tal-artikolu 23 tal-Att prinċipali.

10. L-artikolu 23 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:
**"L-ewwel seduta tal-appell.**
23. (1) Bla ħsara għas-subartikolu (3), it-Tribunal għandu jaħtar u jżomm l-ewwel seduta tal-appell fi żmien xahrejn mill-preżentata tar-rikors tal-appell.

(2) Bla ħsara għas-subartikolu (3), meta l-Qorti tal-Appell tibgħat l-atti lura lit-Tribunal sabiex tingħata deċiżjoni ġdida, it-Tribunal għandu jaħtar u jżomm l-ewwel seduta wara r-rinviju fi żmien xahrejn mid-data li fiha s-sentenza u l-atti jiġu trażmessi lis-Segretarju.

(3) Meta l-appell ikun jolqot permess li għalih japplika l-artikolu 33(1), l-ewwel seduta, kemm meta l-appell ikun qiegħed jinstema' għall-ewwel darba kif ukoll wara rinviju mill-Qorti tal-Appell, għandha tinżamm fit-terminu stabbilit fl-artikolu 34.

(4) It-Tribunal jista', fl-ewwel seduta, jiddeċiedi kull kwistjoni preliminari jew proċedurali li tkun teħtieġ deċiżjoni f'dak l-istadju.

(5) Avviż tal-ewwel seduta għandu jingħata lill-partijiet u lil dawk il-persuni li għandhom jedd jipparteċipaw fl-appell mhux inqas minn erbatax-il (14) jum qabel id-data tas-seduta, kemm-il darba t-Tribunal, għal raġuni tajba u b'digriet motivat, ma jordnax terminu iqsar.

(6) Xejn f'dan l-artikolu ma għandu jillimita s-setgħa tat-Tribunal li, qabel l-ewwel seduta jew f'kull stadju ieħor tal-proċeduri, jagħti, jemenda jew iżid direttivi taħt l-artikolu 15B.

## Emenda tal-artikolu 24 tal-Att prinċipali.

11. L-artikolu 24 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:
**"Proċedura quddiem it-Tribunal jew assistent ġudizzjarju tat-Tribunal.**
24. Fid-data u l-ħin stabbiliti mit-Tribunal, il-partijiet għandhom jidhru quddiem it-Tribunal jew, meta hekk ikun ordnat, quddiem assistent ġudizzjarju tat-Tribunal, u għandhom iressqu dawk il-provi, dokumenti u sottomissjonijiet li t-Tribunal ikun ordna jew awtorizza."

## Sostituzzjoni tal-artikolu 25 tal-Att prinċipali.

12. L-artikolu 25 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:
**"Appelli multipli mill-istess deċiżjoni jew permess.**
25. (1) Meta mill-istess deċiżjoni jkun ġie ppreżentat aktar minn appell wieħed minn persuni jew entitajiet differenti intitolati li jippreżentaw appell skont dan l-Att, it-Tribunal għandu, kemm jista' jkun, jiżgura li dawk l-appelli jinstemgħu flimkien u li d-deċiżjonijiet relattivi jingħataw flimkien jew fl-istess jum.

(2) Meta l-appelli msemmija fis-subartikolu (1) jolqtu l-istess permess u għalihom japplika l-artikolu 33(1), is-Segretarju għandu, kemm jista' jkun, jalloka dawk l-appelli lill-istess panel. It-Tribunal għandu, kemm-il darba ma jkunx hemm raġuni tajba u b'digriet motivat ma jordnax mod ieħor, jordna li dawk l-appelli jinstemgħu flimkien u jiġu deċiżi flimkien jew b'deċiżjonijiet mogħtija fl-istess jum.

(3) Għall-finijiet tas-subartikolu (2), it-Tribunal jista' jagħti digriet wieħed taħt l-artikolu 15B, jistabbilixxi kalendarju proċedurali wieħed, u jordna li dokumenti, provi, rapporti, sottomissjonijiet jew atti ppreżentati f'wieħed mill-appelli jitqiesu, safejn ikunu rilevanti, bħala parti mill-atti tal-appelli l-oħra.

(4) Meta appell ulterjuri mill-istess deċiżjoni jew dwar l-istess permess jiġi ppreżentat wara li jkun diġà ngħata digriet taħt l-artikolu 15B, it-Tribunal jista' jemenda jew jissostitwixxi d-direttivi mogħtija, jagħti kull ordni meħtieġa sabiex l-appelli jiġu trattati flimkien mingħajr dewmien.

(5) Bla ħsara għall-artikolu 13(2), meta japplika s-subartikolu (2), kull referenza fl-artikolu 34 għall-preżentata tal-appell għandha tinftiehem bħala referenza għall-preżentata tal-aħħar appell validament ippreżentat mill-istess deċiżjoni jew dwar l-istess permess.

(6) Xejn f'dan l-artikolu ma għandu jżomm lit-Tribunal milli jissepara appell minn appelli oħra meta dan ikun meħtieġ fl-interess tal-ġustizzja, sabiex jiġi evitat dewmien mhux ġustifikat, jew sabiex jiġi evitat preġudizzju lil xi waħda mill-partijiet.".

## Emenda tal-artikolu 29 tal-Att prinċipali.

13. Fl-artikolu 29 tal-Att prinċipali, il-kliem "miċ-Chairperson tat-Tribunal" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "miċ-Chairperson tat-Tribunal jew minn assistent ġudizzjarju tat-Tribunal debitament awtorizzat mit-Tribunal".

## Emenda tal-artikolu 31 tal-Att prinċipali.

14. L-artikolu 31 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:
   (a) it-test eżistenti tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (1); u
   (b) minnufih wara s-subartikolu (1), kif enumerat mill-ġdid, għandhom jiżdiedu s-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(2) Meta l-Qorti tal-Appell tibgħat l-atti lura lit-Tribunal, it-Tribunal għandu, minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att, ikollu s-setgħa jagħti dawk l-ordnijiet u direttivi u jieħu dawk il-miżuri li jkunu meħtieġa jew anċillari sabiex jagħti effett sħiħ lis-sentenza jew ordni tal-Qorti u sabiex jiddeċiedi l-kwistjoni skont il-parametri stabbiliti fiha.

(3) Għall-finijiet tas-subartikolu (2), l-applikant jew id-detentur tal-permess għandu, fuq talba tiegħu, jingħata l-jedd li, fiż-żmien u bil-mod stabbiliti mit-Tribunal, jippreżenta dawk il-pjanti, dokumenti, rapporti, informazzjoni teknika jew materjal ieħor li jkunu meħtieġa jew rilevanti sabiex il-kwistjoni tiġi eżaminata u deċiża skont il-parametri stabbiliti fis-sentenza jew ordni tal-Qorti; u t-Tribunal għandu jkollu s-setgħat kollha meħtieġa sabiex jeżamina u jiddetermina b'mod sħiħ kull kwistjoni, aspett jew konsiderazzjoni identifikata f'dik is-sentenza jew ordni, inkluż billi jwettaq jew jordna li jitwettaq kull pass meħtieġ għal dak il-għan.

(4) Fl-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu taħt is-subartikoli (2) u (3), it-Tribunal għandu jħares il-jeddijiet tal-partijiet u jagħtihom opportunità xierqa sabiex jinstemgħu dwar kull materja li tkun ser tittieħed inkunsiderazzjoni qabel ma tingħata d-deċiżjoni.

(5) Is-setgħat mogħtija b'dan l-artikolu għandhom jiġu eżerċitati biss safejn ikun meħtieġ sabiex tingħata esekuzzjoni jew effett lis-sentenza jew ordni tal-Qorti."

**Sostituzzjoni tal-artikolu 33 tal-Att prinċipali.**

15. L-artikolu 33 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

**"Sospensjoni awtomatika ta' permess.**

33. (1) Meta jiġi ppreżentat quddiem it-Tribunal appell li bih jintalab li permess, jew xi jedd, fakultà, benefiċċju jew vantaġġ mogħti bih, jiġi mħassar, annullat, revokat, imnaqqas jew limitat, l-eżekuzzjoni, l-operazzjoni, l-implimentazzjoni u l-effett ġuridiku ta' dak il-permess għandhom jitqiesu sospiżi bis-saħħa tal-liġi mill-ħin li fih l-appell jiġi ppreżentat jew jitqies li ġie ppreżentat skont dan l-Att:

Iżda, meta rikors tal-appell jiġi trażmess elettronikament barra mill-ħinijiet tal-ftuħ tar-reġistru, għall-finijiet biss tal-bidu tas-sospensjoni taħt dan l-artikolu, dik is-sospensjoni għandha tibda sseħħ mill-ħin tat-trażmissjoni elettronika, minkejja li, għall-finijiet proċedurali l-oħra kollha, ir-rikors jitqies ippreżentat skont l-artikolu 32B(3).

(2) Meta, f'appell li ma jkunx jaqa' taħt is-subartikolu (1), it-Tribunal jagħti permess jew jordna l-ħruġ jew it-tibdil ta' permess, l-eżekuzzjoni, l-operazzjoni, l-implimentazzjoni u l-effett ġuridiku ta' dak il-permess għandhom jitqiesu sospiżi bis-saħħa tal-liġi mid-data tad-deċiżjoni tat-Tribunal sakemm dik id-deċiżjoni tkun għaddiet in ġudikat.

(3) Is-sospensjoni taħt dan l-artikolu tolqot kull jedd, fakultà, benefiċċju jew vantaġġ li jirriżulta minn permess li l-għoti, il-konferma, it-tibdil jew l-awtorizzazzjoni tiegħu jkunu soġġetti għal dritt ta' appell, inkluż kull xogħol, żvilupp, demolizzjoni, skavar, bdil fl-użu, kontinwazzjoni ta' użu, sanzjonar, jew kull forma oħra ta' implimentazzjoni jew tgawdija tal-permess.

(4) Matul kull perjodu ta' sospensjoni taħt dan l-artikolu, ebda persuna ma għandha tibda, tkompli, tlesti, tikkawża, tippermetti jew tiddependi fuq xi xogħol, użu, operazzjoni, sanzjonar, vantaġġ jew awtorizzazzjoni li jkunu jiddependu fuq il-permess sospiż.

(5) Is-sospensjoni taħt dan l-artikolu għandha tibqa' fis-seħħ sakemm il-proċeduri dwar dak il-permess ikunu ġew determinati finalment u d-deċiżjoni relattiva tkun għaddiet in ġudikat.

(6) Meta jsir appell quddiem il-Qorti tal-Appell minn deċiżjoni tat-Tribunal dwar permess, is-sospensjoni għandha tkompli sseħħ awtomatikament, mingħajr il-ħtieġa ta' talba, digriet jew ordni ulterjuri, sakemm id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell, jew kull deċiżjoni sussegwenti wara rinviju, tkun għaddiet in ġudikat.

(7) Meta l-Qorti tal-Appell tibgħat l-atti lura lit-Tribunal, is-sospensjoni għandha tibqa' għaddejja mingħajr interruzzjoni sakemm id-deċiżjoni l-ġdida tat-Tribunal, u kull appell ordinarju minnha, ikunu ġew determinati finalment u d-deċiżjoni relattiva tkun għaddiet in ġudikat.

(8) Is-sospensjoni taħt dan l-artikolu ma tintemmx minħabba l-mogħdija taż-żmien, minħabba dewmien fil-proċeduri, minħabba li deċiżjoni ma tkunx ingħatat fi żmien preskritt, jew minħabba xi dewmien proċedurali ieħor.

(9) Kull att, xogħol, użu jew operazzjoni mwettqa bi ksur ta' dan l-artikolu ma għandhiex toħloq jedd kweżit, aspettattiva leġittima, commitment ta' ppjanar, vantaġġ għall-finijiet ta' sanzjonar, jew kull benefiċċju ieħor favur id-detentur tal-permess jew favur xi persuna oħra.

(10) Kull żmien stabbilit f'permess, f'kondizzjoni ta' permess jew b'liġi għall-bidu, validità, twettiq, tlestija, użu jew implimentazzjoni ta' permess ma għandux jiddekorri matul iż-żmien li fih dak il-permess ikun sospiż taħt dan l-artikolu.

(11) Xejn f'dan l-artikolu ma għandu jżomm milli jsiru miżuri temporanji u strettament neċessarji sabiex jiġi evitat periklu imminenti għall-ħajja, għas-saħħa, għas-sigurtà pubblika, għall-proprjetà jew għall-ambjent, kemm-il darba dawk il-miżuri jiġu limitati għal dak li huwa indispensabbli u jiġu notifikati minnufih lill-Awtorità tal-Ippjanar, lit-Tribunal, u lill-partijiet li jkunu pparteċipaw fl-appell.

(12) Is-sospensjoni msemmija f'dan l-artikolu tintemm ukoll fil-każijiet u skont it-termini stabbiliti fl-artikolu 42 meta l-appell jiġi ċedut, irtirat jew iddikjarat abbandunat.

(13) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, meta permess ikun milqut minn deċiżjoni jew direzzjoni mogħtija mill-Kabinett tal-Ministri taħt l-artikolu 78 tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, u dik id-deċiżjoni jew direzzjoni tkun tipprovdi espressament li s-sospensjoni taħt dan l-artikolu ma għandhiex tapplika, tiġi varjata, limitata jew suġġetta għal kundizzjonijiet, is-sospensjoni taħt dan l-artikolu ma għandhiex tapplika, tiġi varjata, limitata jew tkun suġġetta għal dawk il-kundizzjonijiet, skont il-każ, biss safejn ikun espressament provdut f'dik id-deċiżjoni jew direzzjoni.

(14) Meta d-deċiżjoni jew direzzjoni tal-Kabinett tal-Ministri tingħata wara li s-sospensjoni taħt dan l-artikolu tkun diġà daħlet fis-seħħ, dik is-sospensjoni għandha tintemm, tiġi varjata, limitata jew suġġetta għal kundizzjonijiet biss mid-data u sal-limiti indikati fid-deċiżjoni jew direzzjoni; u, fin-nuqqas ta' indikazzjoni espressa dwar id-data, minn meta dik id-deċiżjoni jew direzzjoni tiġi komunikata skont l-artikolu 78 tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp."

## Żieda ta' artikolu ġdid 33A mal-Att prinċipali.

16. Minnufih wara l-artikolu 33 tal-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:
**"Notifika tas-sospensjoni.**
33A. (1) Meta jiġi ppreżentat appell li għalih japplika l-artikolu 33(1), is-Segretarju tat-Tribunal għandu, mhux aktar tard minn tlett (3) ijiem ta' xogħol mill-preżentata tal-appell, jibgħat avviż elettroniku lill-Awtorità tal-Ippjanar, lill-appellant, u lill-applikant jew lid-detentur tal-permess, safejn dawn ikunu jirriżultaw mir-rikors tal-appell jew mill-atti li jkunu disponibbli lit-Tribunal f'dak l-istadju.

(2) Meta l-lista ċċertifikata jew ir-reġistru elettroniku għan-notifiki jiġu ppreżentati, kompluti jew aġġornati skont l-artikolu 15A, is-Segretarju għandu, mhux aktar tard minn tlett (3) ijiem ta' xogħol minn dik il-preżentata, kompletazzjoni, jew aġġornament, jibgħat l-avviż imsemmi fis-subartikolu (1) lill-persuni l-oħra li jidhru f'dik il-lista jew f'dak ir-reġistru.

(3) L-avviż għandu:
(a) jindika n-numru u l-ismijiet tal-partijiet fl-appell;
(b) jindika d-data tal-preżentata tal-appell;
(ċ) ikollu mehmuża miegħu kopja tar-rikors tal-appell;
(d) jkun fih dikjarazzjoni li, bis-saħħa tal-artikolu 33, il-permess relattiv jitqies sospiż mill-ħin li fih l-appell ġie ppreżentat jew jitqies li ġie ppreżentat skont dan l-Att.

(4) L-Awtorità tal-Ippjanar għandha, mhux aktar tard minn tlett (3) ijiem ta' xogħol minn meta tirċievi l-avviż taħt dan l-artikolu, tagħmel annotazzjoni elettronika fil-proċess jew fis-sistema relattiva tal-permess li tindika li jkun ġie ppreżentat appell u li l-permess huwa milqut minn sospensjoni taħt l-artikolu 33.

(5) In-nuqqas li jintbagħat l-avviż imsemmi f'dan l-artikolu, kull dewmien fit-trażmissjoni tiegħu, kull żball jew ommissjoni fl-avviż, jew kull nuqqas li ssir l-annotazzjoni msemmija fis-subartikolu (4), ma għandhomx jolqtu l-validità, il-bidu, il-kontinwazzjoni jew l-effett tas-sospensjoni taħt l-artikolu 33.

(6) It-Tribunal jista', f'kull stadju, jordna li jingħata avviż korrettiv, addizzjonali jew alternattiv b'kull mezz li jqis xieraq, meta dan ikun meħtieġ sabiex is-sospensjoni tingħata effett prattiku jew sabiex jiġu evitati dubji dwar il-persuni li għandhom jiġu infurmati."

## Sostituzzjoni tal-artikolu 34 tal-Att prinċipali.

17. L-artikolu 34 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:
**"Deċiżjoni fuq il-mertu meta jkun hemm permess sospiż.**
34. (1) Meta japplika l-artikolu 33(1), it-Tribunal għandu jittratta l-appell bħala appell urġenti dwar permess sospiż.

(2) Bla ħsara għall-artikolu 13(2), it-Tribunal għandu jaħtar u jżomm l-ewwel seduta mhux aktar tard minn tletin (30) jum mill-preżentata tal-appell, jew, meta l-Qorti tal-Appell tibgħat l-atti lura lit-Tribunal, mid-data li fiha s-sentenza u l-atti jiġu trażmessi lis-Segretarju, skont il-każ.

(3) Bla ħsara għall-artikolu 13(2), it-Tribunal għandu jagħti d-deċiżjoni finali tiegħu fuq il-mertu tal-appell mhux aktar tard minn sitt (6) xhur mill-preżentata tal-appell.

(4) Meta l-proċeduri jkunu ġew sospiżi taħt l-artikolu 13(2), it-termini msemmija fis-subartikoli (2) u (3) għandhom jibdew jgħoddu mid-data li fiha l-appellant jippreżenta appell emendat jew sottomissjonijiet ulterjuri taħt il-proviso għal dak is-subartikolu, jew, jekk ma jsirx hekk, mill-iskadenza tat-terminu mogħti sabiex dan isir.

(5) Meta, f'appell li għalih japplika dan l-artikolu, il-Qorti tal-Appell tibgħat l-atti lura lit-Tribunal, ir-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali, għandu jittrasmetti lis-Segretarju kopja tas-sentenza flimkien mal-atti tal-proċeduri mhux aktar tard minn ħamest (5) ijiem ta' xogħol mid-data li fiha tingħata s-sentenza. It-Tribunal għandu jagħti d-deċiżjoni finali tiegħu fuq il-mertu mhux aktar tard minn sitt (6) xhur mid-data li fiha s-sentenza u l-atti jiġu trasmessi lis-Segretarju.

(6) Minkejja s-subartikoli (3) u (5), it-terminu sabiex it-Tribunal jagħti d-deċiżjoni finali tiegħu jista' jiġi estiż meta jkun hemm il-qbil espress tal-partijiet kollha li jkunu pparteċipaw fil-proċeduri, liema qbil għandu jingħata bil-miktub jew jiġi ddikjarat fis-seduta u mniżżel fl-atti. Kull estensjoni taħt dan is-subartikolu għandha tkun għal dak il-perjodu li t-Tribunal iqis xieraq fiċ-ċirkostanzi, u ma għandhiex, waħedha, ittemm, tinterrompi jew tnaqqas l-effett tas-sospensjoni taħt l-artikolu 33.

(7) In-nuqqas tat-Tribunal li jagħti deċiżjoni fiż-żmien stabbilit f'dan l-artikolu ma jtemmx, ma jinterrompix u ma jnaqqasx l-effett tas-sospensjoni taħt l-artikolu 33.

(8) Jekk it-Tribunal jonqos milli jagħti deċiżjoni fiż-żmien stabbilit, is-Segretarju għandu minnufih iqiegħed il-kwistjoni quddiem iċ-Chairperson responsabbli għall-panel relattiv, u dan għandu jagħti dawk id-direttivi kollha meħtieġa sabiex l-appell jiġi determinat b'urġenza, inkluż, fejn ikun xieraq, billi jordna lis-Segretarju sabiex jassenja l-appell lil panel ieħor.

(9) Meta appell li jaqa' taħt dan l-artikolu jiġi riferit lill-Kabinett tal-Ministri taħt l-artikolu 78 tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw biss safejn ikunu kompatibbli mal-proċedura taħt dak l-artikolu.

(10) F'każ imsemmi fis-subartikolu (9), it-Tribunal għandu, bla ħsara għal kull direzzjoni mogħtija taħt l-artikolu 78 tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, iżomm l-ewwel seduta fiż-żmien stabbilit fis-subartikolu (2) u jagħti dawk id-direttivi kollha meħtieġa sabiex ir-rakkomandazzjoni tiegħu taħt l-imsemmi artikolu 78 titħejja u tintbagħat mingħajr dewmien mhux ġustifikat:

Iżda t-Tribunal ma jkunx obbligat jagħti deċiżjoni finali fuq il-mertu tal-appell fit-terminu msemmi fis-subartikolu (3) sakemm l-appell ikun qiegħed jiġi trattat taħt il-proċedura stabbilita fl-artikolu 78 tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp:

Iżda wkoll, xejn f'dan is-subartikolu ma għandu jtemm, jinterrompi jew inaqqas l-effett tas-sospensjoni taħt l-artikolu 33, ħlief safejn il-Kabinett tal-Ministri jiddeċiedi jew jordna mod ieħor skont l-artikolu 78 tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp u skont l-artikolu 33(13) u (14) ta' dan l-Att.".

## Sostituzzjoni tal-artikolu 35 tal-Att prinċipali.

18. L-artikolu 35 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

**"Deċiżjoni fuq il-mertu f'appelli oħra.**

35. (1) F'appelli li ma jaqgħux taħt l-artikolu 34, it-Tribunal għandu jagħti d-deċiżjoni finali tiegħu fuq il-mertu tal-appell fi żmien sena mid-data tal-ewwel seduta.

(2) Minkejja s-subartikolu (1), fir-rigward ta' appell minn applikazzjoni bil-proċedura sommarja speċjali, it-Tribunal għandu jagħti d-deċiżjoni finali tiegħu fuq il-mertu tal-appell fi żmien tliet (3) xhur mid-data tal-ewwel seduta.

(3) It-terminu msemmi fis-subartikolu (1) jista' jiġi estiż darba waħda biss għal perjodu ulterjuri ta' sitt (6) xhur f'każijiet eċċezzjonali u fl-interess tal-ġustizzja.

(4) Meta jingħataw estensjoni taħt is-subartikolu (3), ebda prova jew sottomissjoni ulterjuri ma għandha titressaq matul il-perjodu ta' estensjoni, ħlief bil-permess tat-Tribunal għal raġuni serja u fl-interess tal-ġustizzja, u wara li l-partijiet l-oħra jingħataw opportunità xierqa li jwieġbu.

(5) Meta l-Qorti tal-Appell tibgħat l-atti lura lit-Tribunal, kull referenza f'dan l-artikolu għall-ewwel seduta għandha tinftiehem bħala referenza għall-ewwel seduta wara r-rinviju.

(6) Jekk deċiżjoni finali ma tingħatax fit-termini indikati f'dan l-artikolu, għandhom japplikaw mutatis mutandis id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 34(8)."

## Żieda ta' artikolu ġdid 38A mal-Att prinċipali.

19. Minnufih wara l-artikolu 38 tal-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

**"Skeda ċċertifikata għan-notifiki wara d-deċiżjoni tat-Tribunal.**

38A. (1) Kull deċiżjoni finali tat-Tribunal u kull deċiżjoni parzjali li tista' tkun soġġetta għal appell taħt dan l-Att għandha tkun akkumpanjata minn skeda ċċertifikata mis-Segretarju, li tagħmel parti mill-atti tal-proċedura.

(2) L-iskeda għandha tinkludi l-isem, il-kwalità proċedurali u l-indirizz elettroniku għan-notifika ta':

(a) l-appellant;
(b) l-applikant jew id-detentur tal-permess, jekk ma jkunx l-appellant;
(ċ) l-Awtorità tal-Ippjanar jew l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, skont il-każ;
(d) kull terza persuna interessata u reġistrata;
(e) kull konsulent estern li pparteċipa fil-proċeduri;
(f) kull persuna li ppreżentat risposta, nota, dokument, pożizzjoni bil-miktub jew sottomissjoni quddiem it-Tribunal;
(ġ) kull avukat jew prokuratur legali li deher għal xi waħda mill-persuni msemmija f'dan is-subartikolu.

(3) L-iskeda ċċertifikata għandha tkun disponibbli fuq talba ta' kull persuna li pparteċipat fil-proċeduri, u għandha tkun disponibbli għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali, għall-finijiet ta' kull appell quddiem il-Qorti tal-Appell.

(4) F'appell quddiem il-Qorti tal-Appell, ir-Reġistratur jista' joqgħod fuq l-iskeda ċċertifikata għall-finijiet kollha ta' notifika u servizz.

(5) Notifika magħmula fl-indirizz elettroniku li jidher fl-iskeda ċċertifikata għandha titqies bħala notifika valida għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

(6) Persuna li, mingħajr raġuni tajba, tkun naqset milli tipprovdi, tikkonferma jew taġġorna l-indirizz elettroniku tagħha għan-notifika quddiem it-Tribunal ma tistax tinvoka invalidità ta' notifika meta l-att ikun intbagħat fl-aħħar indirizz elettroniku li hija tkun ipprovdiet jew ikkonfermat u li jidher fl-iskeda ċċertifikata:

Iżda l-Qorti tista' tordna notifika ġdida, alternattiva jew addizzjonali meta dan ikun meħtieġ fl-interess tal-ġustizzja."

## Emenda tal-artikolu 42 tal-Att prinċipali.

20. L-artikolu 42 tal-Att prinċipali għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) tiegħu, u minnufih wara għandhom jiżdiedu s-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(2) Meta appell li għalih tkun tapplika s-sospensjoni taħt l-artikolu 33 jiġi ċedut, irtirat jew iddikjarat abbandunat mit-Tribunal, is-sospensjoni tal-permess għandha tibqa' fis-seħħ sakemm id-dikjarazzjoni jew id-deċiżjoni relattiva tkun għaddiet in ġudikat.

(3) Minn dakinhar li d-dikjarazzjoni jew id-deċiżjoni li l-appell ġie ċedut, irtirat jew abbandunat tkun għaddiet in ġudikat, is-sospensjoni taħt l-artikolu 33 għandha titqies mitmuma għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, u l-permess ma jibqax sospiż minħabba dak l-appell.

(4) Xejn f'dan l-artikolu ma għandu jolqot kull sospensjoni oħra li tkun fis-seħħ minħabba appell ieħor, ordni oħra tat-Tribunal jew tal-Qorti, jew dispożizzjoni oħra tal-liġi."

## Sostituzzjoni tal-artikolu 44 tal-Att prinċipali.

21. L-artikolu 44 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

**"Aċċess fuq is-sit.**

44. (1) It-Tribunal jista', fuq talba ta' parti jew minn jeddu, jordna li jsir aċċess fuq is-sit meta jqis li tali aċċess ikun meħtieġ jew utli għall-aħjar determinazzjoni tal-appell.

(2) Meta jordna aċċess fuq is-sit, it-Tribunal għandu jagħti dawk id-direttivi li jqis xierqa dwar il-persuni li jistgħu jkunu preżenti, il-mod kif għandu jsir l-aċċess, u kull kundizzjoni meħtieġa sabiex jiġu mħarsa l-ordni, is-sigurtà, il-privatezza u l-jeddijiet tal-partijiet.

(3) It-Tribunal jista' jimponi dawk id-drittijiet jew spejjeż li jqis xierqa fuq il-parti li tkun talbet l-aċċess fuq is-sit; iżda meta l-aċċess isir fuq inizjattiva tat-Tribunal, it-Tribunal għandu jiddeċiedi dwar l-ispejjeż skont iċ-ċirkostanzi tal-każ."

## Emenda tal-artikolu 47 tal-Att prinċipali.

22. L-artikolu 47 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara s-subartikolu (10) tiegħu għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(10A) Meta ssir talba sabiex l-effett tad-deċiżjoni jiġi sospiż taħt is-subartikolu (3), dik it-talba għandha ssir b'rikors separat, intitolat bħala tali, u għandha tiġi ppreżentata flimkien mar-rikors tal-appell jew f'dak it-terminu ieħor li t-Tribunal jista' jippermetti għal raġuni tajba. Meta ssir tali talba, it-Tribunal għandu jinnotifika lill-partijiet, iżomm l-ewwel seduta u jiddeċiedi dik it-talba fi żmien tletin (30) jum minn meta jirċeviha.";

(b) fis-subartikolu (11) tiegħu—
   (i) minnufih wara r-referenza għall-artikolu "15" għandha tiżdied ir-referenza "15A" u "15B"; u
   (ii) minnufih wara r-referenza għall-artikolu "32" għandha tiżdied ir-referenza "38A".

## Sostituzzjoni tal-artikolu 51 tal-Att prinċipali.

23. L-artikolu 51 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

**"Appelli minn deċiżjonijiet parzjali tat-Tribunal.**

51. Bla ħsara għall-artikolu 9(2)(b), appell minn deċiżjoni parzjali tat-Tribunal jista' jiġi ppreżentat biss flimkien ma' appell mid-deċiżjoni finali tat-Tribunal, kemm-il darba l-liġi ma tipprovdix espressament mod ieħor."

## Sostituzzjoni tal-artikolu 52 tal-Att prinċipali.

24. L-artikolu 52 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

**"Perjodu għall-preżentata ta' appell minn deċiżjoni tat-Tribunal.**

52. (1) Appell minn deċiżjoni tat-Tribunal għandu jiġi ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fi żmien għoxrin (20) jum mid-data li fiha d-deċiżjoni tat-Tribunal tingħata fil-pubbliku.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet speċjali ta' dan l-Att, l-appell għandu jkun regolat mill-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u mir-regoli tal-qorti applikabbli.

(3) Fejn ikun hemm inkonsistenza bejn id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u kull dispożizzjoni proċedurali oħra dwar appell minn deċiżjoni tat-Tribunal, għandhom jipprevalu d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

(4) Meta l-Qorti tal-Appell tannulla jew tvarja d-deċiżjoni tat-Tribunal u tibgħat l-atti lura lilu, għandha, safejn ikun possibbli fuq l-atti, tikkunsidra u tiddeċiedi kull aggravju li jkun ġie debitament imressaq quddiemha, minkejja li d-deċiżjoni fuq aggravju wieħed tkun waħedha biżżejjed sabiex twassal għall-annullament jew għall-varjazzjoni tad-deċiżjoni appellata, sabiex, safejn ikun possibbli, jiġu evitati rinviji jew appelli ulterjuri dwar kwistjonijiet li jkunu diġà tqajmu quddiemha.

Iżda meta l-Qorti tħalli xi aggravju mhux deċiż, għandha tindika fis-sentenza r-raġunijiet għal dan."

## Żieda ta' artikolu ġdid 52A mal-Att prinċipali.

25. Minnufih wara l-artikolu 52 tal-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

**"Preżentata elettronika quddiem il-Qorti tal-Appell.**

52A. (1) Ir-rikors tal-appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) u r-risposti għalih għandhom jiġu ppreżentati b'mezzi elettroniċi, skont dawk is-sistemi jew indirizzi elettroniċi li jiġu approvati jew indikati mir-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali.

(2) Kull avukat jew prokuratur legali li jippreżenta rikors ta' appell jew risposta taħt dan l-Att għandu jagħmel dan permezz tas-sistema elettronika approvata u għandu jħallas id-dritt preskritt b'mod elettroniku jew b'dak il-mod ieħor li r-Reġistratur jista' jippermetti.

(3) Att ippreżentat b'mezzi elettroniċi għandu, għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, jitqies daqslikieku ġie ppreżentat fir-reġistru tal-qorti fil-ħin li fih jiġi riċevut mis-sistema elettronika approvata:

Iżda meta l-att jiġi riċevut barra mill-ħinijiet tal-ftuħ tar-reġistru tal-qorti, dan għandu jitqies li ġie ppreżentat fl-ewwel jum sussegwenti li fih ir-reġistru jkun miftuħ.

(4) Meta jkun impossibbli għal persuna li tippreżenta att b'mezzi elettroniċi, dik il-persuna tista' tippreżenta l-att fir-reġistru tal-qorti, kemm-il darba tiddikjara bil-ġurament fl-istess att ir-raġuni għaliex il-preżentata elettronika ma setgħetx issir.

(5) Mar-rikors tal-appell għandu jiġi ppreżentat ukoll l-iskeda ċċertifikata msemmija fl-artikolu 38A.

(6) Meta, għal xi raġuni, dik l-iskeda ma tkunx disponibbli, ir-Reġistratur għandu jitlobha minnufih lis-Segretarju, u s-Segretarju għandu jittrasmettiha mhux aktar tard minn jum wieħed ta' xogħol minn meta jirċievi t-talba."

## Żieda ta' artikolu ġdid 52B mal-Att prinċipali.

26. Minnufih wara l-artikolu 52A tal-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

**"Appell quddiem il-Qorti tal-Appell f'każ ta' permess sospiż.**

52B. (1) Meta deċiżjoni tat-Tribunal tkun tikkonċerna permess li jkun sospiż taħt l-artikolu 33, kull appell minn dik id-deċiżjoni quddiem il-Qorti tal-Appell għandu jitqies bħala appell urġenti u għandu jitmexxa skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ġenerali dwar appelli minn deċiżjonijiet tat-Tribunal.

(2) Bla ħsara għall-artikolu 52A(6), ir-rikors tal-appell għandu jiġi ppreżentat fiż-żmien stabbilit fl-artikolu 52 u għandu jkun akkumpanjat bl-iskeda ċċertifikata msemmija fl-artikolu 38A.

(3) Fi żmien ħamest (5) ijiem ta' xogħol mill-preżentata tar-rikors tal-appell, il-Qorti tal-Appell għandha taħtar l-appell għas-smigħ f'data li ma tkunx aktar tard minn xahrejn mill-preżentata tal-istess rikors.

(4) Kopja tar-rikors tal-appell, flimkien mal-avviż tad-data tas-smigħ, għandha tiġi notifikata lill-partijiet, lill-Awtorità tal-Ippjanar, lill-applikant jew lid-detentur tal-permess, lit-terzi persuni interessati u lil kull persuna oħra indikata fl-iskeda ċċertifikata msemmija fl-artikolu 38A.

(5) In-notifika tista' ssir fl-indirizz elettroniku għan-notifika li jidher fl-iskeda ċċertifikata, u tali notifika għandha, għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, titqies bħala valida mid-data tat-trasmissjoni elettronika tagħha. Għall-finijiet tal-komputazzjoni ta' kull terminu li jibda jiddekorri minn dik in-notifika, il-jum li fih issir in-notifika ma għandux jingħadd u t-terminu għandu jibda jiddekorri mill-jum immedjatament sussegwenti.

(6) Meta notifika elettronika ma tkunx tista' ssir b'mod raġonevoli, jew meta l-Qorti tqis li dan ikun meħtieġ fl-interess tal-ġustizzja, il-Qorti tista' tordna notifika alternattiva jew addizzjonali b'kull mezz permess mil-liġi.

(7) Ir-risposta għall-appell għandha tiġi ppreżentata fi żmien għoxrin (20) jum min-notifika tar-rikors tal-appell, kemm-il darba l-Qorti ma tagħtix, għal raġuni tajba, direzzjoni mod ieħor.

(8) r-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali, għandu minnufih jgħarraf lis-Segretarju tat-Tribunal bil-preżentata tal-appell, u s-Segretarju għandu, mhux aktar tard minn ħamest (5) ijiem ta' xogħol minn dak l-avviż, jittrasmetti lir-Reġistratur l-atti kollha tal-proċeduri quddiem it-Tribunal.

(9) Il-Qorti tal-Appell għandha tagħti s-sentenza tagħha mhux aktar tard minn erba' (4) xhur mill-preżentata tar-rikors tal-appell:

Iżda l-Qorti tista', għal raġuni ġusta u b'digriet motivat, testendi dan it-terminu darba waħda biss għal perjodu li ma jaqbiżx xahrejn.

(10) In-nuqqas tal-Qorti tal-Appell li tagħti s-sentenza fit-terminu stabbilit fis-subartikolu (9) ma jtemmx, ma jinterrompix u ma jnaqqasx l-effett tas-sospensjoni taħt l-artikolu 33.

(11) Il-permess għandu jibqa' sospiż sakemm id-deċiżjoni li tiddetermina finalment l-appell quddiem il-Qorti tal-Appell tkun għaddiet in ġudikat.

(12) Meta l-Qorti tal-Appell tannulla d-deċiżjoni tat-Tribunal u tibgħat l-atti lura lit-Tribunal, is-sospensjoni tal-permess għandha tkompli mingħajr interruzzjoni sakemm il-proċeduri wara r-rinviju, u kull appell ordinarju minnhom, jiġu determinati finalment u d-deċiżjoni relattiva tkun għaddiet in ġudikat.

(13) Meta, wara rinviju, tingħata deċiżjoni ġdida mit-Tribunal u minnha jiġi ppreżentat appell ġdid quddiem il-Qorti tal-Appell, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw mill-ġdid."

**Dispożizzjoni tranżitorja.**
27 . L-emendi magħmula b'dan l-Att għandhom japplikaw għall-appelli dwar permessi li d-deċiżjoni dwarhom tkun ittieħdet fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att jew wara dik id-data.

# GĦANIJIET U RAĠUNIJIET

L-għan ta' dan l-Abbozz huwa li jiġi żgurat li appell minn permess mogħti taħt il-liġi dwar l-ippjanar ma jiġix reż ineffettiv minħabba l-eżekuzzjoni jew l-implimentazzjoni tal-permess qabel ma l-appell ikun ġie deċiż finalment. Għal dan il-għan, l-Abbozz jistabbilixxi sospensjoni awtomatika tal-permess meta jiġi ppreżentat appell, u jagħmel dik is-sospensjoni tibqa' fis-seħħ sakemm il-proċeduri relattivi jiġu determinati finalment u d-deċiżjoni tkun għaddiet in ġudikat.

L-Abbozz ifittex ukoll li jżomm bilanċ bejn il-ħtieġa ta' rimedju effettiv u l-ħtieġa ta' ċertezza għal min ikun kiseb permess, billi jipprovdi għal termini speċifiċi quddiem it-Tribunal u quddiem il-Qorti tal-Appell, għal notifika u preżentata elettronika, għal digrieti ta' tmexxija tal-proċeduri, u għal setgħat proċedurali li għandhom jippermettu determinazzjoni aktar spedjenti tal-appelli.

# ATT

*sabiex jemenda l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, Kap. 552, u sabiex jipprovdi għal emendi konsegwenzjali relatati mas-sospensjoni awtomatika ta' permessi meta jkun hemm appell taħt l-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, Kap. 551.*

**IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-**

## Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2026 li jemenda l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp.

(2) Dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

(3) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-ippjanar jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta, u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal dispożizzjonijiet differenti tiegħu.

## Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

2. Fl-artikolu 2 tal-Att prinċipali, minnufih wara t-tifsira ta' "permess għall-iżvilupp" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

"permess sospiż" tfisser permess għall-iżvilupp, awtorizzazzjoni, approvazzjoni, deċiżjoni jew direzzjoni mogħtija taħt dan l-Att jew taħt regolamenti magħmula taħtu, li tkun milquta minn sospensjoni taħt l-artikolu 33 tal-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar;"

## Emenda tal-artikolu 71 tal-Att prinċipali.

3. L-artikolu 71 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (6) tiegħu, minnufih wara l-kliem "għandha ssir bil-miktub" għandhom jiddaħħlu l-kliem "u għandha tinkludi indirizz elettroniku għan-notifika";

(b) minnufih wara s-subartikolu (6) tiegħu għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(6A) Kull persuna li tagħmel dikjarazzjoni ta' interess jew rappreżentazzjonijiet taħt is-subartikolu (6) għandha tindika indirizz elettroniku għan-notifika u għandha żżomm dak l-indirizz aġġornat. Notifika jew komunikazzjoni magħmula f'dak l-indirizz għandha titqies bħala notifika valida għall-finijiet ta' dan l-Att u tal-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar:

Iżda meta persuna tonqos milli tindika indirizz elettroniku għan-notifika, dik il-persuna ma tistax tinvoka nuqqas ta' notifika individwali f'proċeduri quddiem it-Tribunal, kemm-il darba t-Tribunal, għal raġuni tajba u fl-interess tal-ġustizzja, ma jordnax mod ieħor.".

## Emenda tal-artikolu 72 tal-Att prinċipali.

4. L-artikolu 72 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(3) Meta permess għall-iżvilupp jew awtorizzazzjoni oħra tkun milquta minn sospensjoni taħt l-artikolu 33 tal-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, l-eżekuzzjoni, l-operazzjoni, l-implimentazzjoni u l-effett ta' dak il-permess jew awtorizzazzjoni għandhom ikunu regolati mill-imsemmi artikolu 33 u minn kull ordni, direzzjoni jew deċiżjoni mogħtija taħt dak l-Att jew taħt l-artikolu 78 ta' dan l-Att.";

(b) minnufih wara s-subartikolu (4) tiegħu għandhom jiżdiedu s-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(4A) Matul kull perjodu li fih permess ikun sospiż taħt l-artikolu 33 tal-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, ebda avviż ta' bidu relattiv għal dak il-permess ma għandu jiġi ppreżentat, milqugħ jew ikollu effett; u kull avviż ta' bidu li jkun ġie ppreżentat qabel ma tkun daħlet fis-seħħ is-sospensjoni ma għandu jawtorizza ebda xogħol, użu, operazzjoni jew implimentazzjoni oħra tal-permess matul iż-żmien tas-sospensjoni.

(4B) Kull żmien stabbilit f'permess għall-iżvilupp, f'kondizzjoni ta' permess, jew taħt dan l-Att jew regolamenti magħmula taħtu, għall-bidu, validità, twettiq, tlestija, użu jew implimentazzjoni ta' permess, ma għandux jiddekorri matul iż-żmien li fih dak il-permess ikun sospiż taħt l-artikolu 33 tal-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar.

(4C) Xejn fis-subartikoli (4A) u (4B) ma għandu jżomm milli jsiru miżuri temporanji u strettament neċessarji kif imsemmija fl-artikolu 33(11) tal-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, jew milli tingħata deċiżjoni jew direzzjoni mill-Kabinett tal-Ministri taħt l-artikolu 78 ta' dan l-Att.".

## Żieda ta' artikolu ġdid 72A mal-Att prinċipali.

5. Minnufih wara l-artikolu 72 tal-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

**"Annotazzjoni fil-fajl diġitali tal-permess.**

72A. (1) Meta l-Awtorità tiġi infurmata li ġie ppreżentat appell li għalih tapplika s-sospensjoni taħt l-artikolu 33 tal-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, l-Awtorità għandha, mingħajr dewmien u f'kull każ mhux aktar tard minn tlett (3) ijiem ta' xogħol minn meta tirċievi dak l-avviż, tagħmel annotazzjoni fil-fajl diġitali tal-permess relattiv.

(2) Meta l-Awtorità tiġi infurmata b'deċiżjoni tat-Tribunal, b'appell quddiem il-Qorti tal-Appell, b'deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell, b'deċiżjoni jew direzzjoni tal-Kabinett tal-Ministri taħt l-artikolu 78 ta' dan l-Att, jew b'kull fatt ieħor li jolqot il-kontinwazzjoni, il-varjazzjoni, it-tneħħija jew it-tmiem tas-sospensjoni, l-Awtorità għandha tagħmel jew taġġorna l-annotazzjoni fil-fajl diġitali tal-permess relattiv.

(3) L-annotazzjoni msemmija f'dan l-artikolu hija ta' natura amministrattiva u informattiva biss. In-nuqqas li ssir jew tiġi aġġornata tali annotazzjoni, jew kull żball jew ommissjoni fiha, ma għandu jolqot bl-ebda mod il-validità, il-bidu, il-kontinwazzjoni jew l-effett ta' sospensjoni taħt l-artikolu 33 tal-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar.".

## Emenda tal-artikolu 73 tal-Att prinċipali.

6. Fl-artikolu 73 tal-Att prinċipali, minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2A) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2), ebda xogħol, żvilupp, użu, operazzjoni jew attività mwettqa bi ksur ta' sospensjoni taħt l-artikolu 33 tal-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar ma għandha titqies bħala li toħloq jedd kweżit, aspettattiva leġittima, commitment ta' ppjanar, vantaġġ għall-finijiet ta' sanzjonar jew regolarizzazzjoni, jew kull benefiċċju ieħor favur l-applikant, id-detentur tal-permess jew kull persuna oħra.".

## Emenda tal-artikolu 78 tal-Att prinċipali.

7. L-artikolu 78 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, il-kliem "fi żmien ħmistax-il ġurnata minn mindu jiġi ppreżentat" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fi żmien tliet (3) ijiem ta' xogħol minn mindu jiġi ppreżentat";

(b) minnufih wara s-subartikolu (7) tiegħu għandhom jiżdiedu s-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(8) Meta appell imsemmi f'dan l-artikolu jkun jolqot permess li jkun, jew li jista' jkun, milqut minn sospensjoni taħt l-artikolu 33 tal-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, il-Ministru jista', biss meta l-appell ikun jirrigwarda deċiżjoni li taqa' taħt waħda jew aktar mir-raġunijiet imsemmija fis-subartikolu (2), u meta jirreferi l-appell lill-Kabinett tal-Ministri, jitlob ukoll lill-Kabinett tal-Ministri sabiex jagħti deċiżjoni jew direzzjoni dwar l-applikazzjoni jew il-modalitajiet tas-sospensjoni.

(9) Il-Kabinett tal-Ministri jista', fuq talba magħmula taħt is-subartikolu (8), u b'deċiżjoni jew direzzjoni motivata, jiddeċiedi jew jordna li s-sospensjoni taħt l-artikolu 33 tal-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar ma tapplikax, jew li l-effett tagħha jiġi varjat, limitat jew suġġett għal kundizzjonijiet, u jista' jistabbilixxi l-modalitajiet li għandhom japplikaw sakemm ikun pendenti l-appell, għall-eżekuzzjoni, l-operazzjoni jew l-implimentazzjoni tal-permess, jew ta' xi parti minnu, safejn ikun sodisfatt li dan huwa meħtieġ u proporzjonat sabiex jiġi mħares l-interess pubbliku li abbażi tiegħu l-appell ikun ġie riferit lill-Kabinett tal-Ministri taħt is-subartikolu (2), u safejn tali deċiżjoni, direzzjoni jew modalitajiet ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa strettament meħtieġ sabiex jiġi mħares dak l-interess u ma jagħtux vantaġġ mhux ġustifikat lil persuna partikolari; u, għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, u bla ħsara għas-setgħa tal-Qorti tal-Appell taħt is-subartikolu (13), kull deċiżjoni jew direzzjoni mogħtija mill-Kabinett tal-Ministri taħt dan is-subartikolu għandha tipprevali, safejn tkun espressa, motivata u limitata għal dak li huwa meħtieġ u proporzjonat, fuq kull sospensjoni li tkun daħlet fis-seħħ taħt l-artikolu 33 tal-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, iżda biss sal-limitu tal-inkonsistenza u mingħajr preġudizzju għad-determinazzjoni finali tal-appell.

(10) Talba magħmula taħt is-subartikolu (8), u kull deċiżjoni jew direzzjoni mogħtija taħt is-subartikolu (9), għandhom jidentifikaw b'mod espress ir-raġuni jew ir-raġunijiet taħt is-subartikolu (2) li fuqhom ikunu msejsa, u għandhom jagħtu r-raġunijiet għaliex il-miżura mitluba jew adottata hija meħtieġa u proporzjonata sabiex jiġi mħares l-interess pubbliku relattiv.

(11) Deċiżjoni jew direzzjoni taħt is-subartikolu (9) ma għandhiex titqies bħala deċiżjoni fuq il-mertu tal-appell, ma għandhiex tippreġudika s-setgħa tat-Tribunal jew tal-Qorti tal-Appell li jiddeċiedu l-appell skont il-liġi.

(12) Fejn id-deċiżjoni jew direzzjoni tkun tinvolvi tagħrif sensittiv dwar sigurtà nazzjonali, difiża jew sigurtà pubblika, ir-raġunijiet jistgħu jingħataw b'mod li ma jiżvelax dak it-tagħrif, iżda għandhom, safejn ikun kompatibbli ma' dawk ir-raġunijiet, jindikaw in-natura ġenerali tal-interess pubbliku li jkun iġġustifika d-deċiżjoni jew direzzjoni.

(13) Deċiżjoni jew direzzjoni tal-Kabinett tal-Ministri taħt is-subartikolu (9) tista' tiġi kontestata quddiem il-Qorti tal-Appell fil-kompetenza superjuri tagħha, permezz ta' rikors li għandu jiġi ppreżentat fi żmien għaxart (10) ijiem mid-data li fiha dik id-deċiżjoni jew direzzjoni tiġi komunikata lill-persuna li tkun qiegħda tikkontestaha jew, meta tali komunikazzjoni ma tkunx meħtieġa jew ma tkunx tista' ssir b'mod raġonevoli, mid-data tal-pubblikazzjoni tagħha, minn kull parti fl-appell, mill-applikant jew mid-detentur tal-permess, minn kull terza persuna interessata u reġistrata li tkun ipparteċipat jew kellha jedd tipparteċipa fl-appell, jew minn organizzazzjoni mhux governattiva ambjentali reġistrata taħt l-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji; u tali kontestazzjoni għandha tkun limitata għal kwistjonijiet ta' legalità sostantiva jew proċedurali, inklużi l-kompetenza, il-proċedura, ir-raġonevolezza, il-proporzjonalità, il-motivazzjoni u l-osservanza tas-subartikoli (8) sa (12), liema rikors għandu jiġi deċiż mill-Qorti tal-Appell sa mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-preżentata tiegħu:

Iżda l-preżentata ta' rikors taħt dan is-subartikolu ma għandhiex, minnha nnifisha, tissospendi d-deċiżjoni jew id-direzzjoni tal-Kabinett tal-Ministri. Madankollu, il-Qorti tal-Appell tista', fuq talba magħmula fl-istess rikors jew b'rikors separat, tordna s-sospensjoni, il-varjazzjoni jew il-limitazzjoni provviżorja tagħha jekk tkun sodisfatta li dan ikun meħtieġ sabiex jiġi evitat preġudizzju serju jew ħsara serja u irreversibbli, jew fl-interess tal-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, u l-Qorti tal-Appell għandha tittratta tali rikors b'urġenza.".

## Emenda tal-artikolu 97 tal-Att prinċipali.

8. Fl-artikolu 97 tal-Att prinċipali, minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(1A) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subartikolu (1), kull attività jew żvilupp li jibda, jitkompla, jitlesta, jitwettaq jew jitħalla jsir taħt permess sospiż, bi ksur ta' sospensjoni taħt l-artikolu 33 tal-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, għandu jitqies bħala attività jew żvilupp li jmur kontra dan l-Att, u l-Kunsill Eżekuttiv jista' joħroġ avviż ta' waqfien, avviż ta' twettiq, jew avviż ta' waqfien u twettiq, skont il-każ, sabiex iwaqqaf, jipprojbixxi, ineħħi jew jirregola dak l-att, attività jew żvilupp.".

## Emenda tal-artikolu 102 tal-Att prinċipali.

9. Fl-artikolu 102 tal-Att prinċipali, minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2A) Ebda ċertifikat ta' konformità jew ċertifikat ieħor imsemmi fis-subartikolu (2) ma għandu jinħareġ fuq il-bażi ta' xogħol, żvilupp, użu jew operazzjoni mwettqa bi ksur ta' sospensjoni taħt l-artikolu 33 tal-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, kemm-il darba l-Awtorità ma tkunx sodisfatta li l-ksur ġie rimedjat, li kull miżura jew kondizzjoni imposta mill-Awtorità jew mit-Tribunal ġiet imħarsa, u li ma hemmx avviż ta' waqfien jew twettiq pendenti li jolqot dak l-iżvilupp.".

## Emenda tal-artikolu 103 tal-Att prinċipali.

10. L-artikolu 103 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) tiegħu, il-kliem "f'xi aspett importanti," għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "f'xi aspett importanti; jew";

(b) minnufih wara l-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) tiegħu għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(f) jibda, jkompli, iwettaq, jikkawża, jippermetti jew iħalli li jsir żvilupp, xogħol, użu jew operazzjoni taħt permess sospiż, bi ksur ta' sospensjoni taħt l-artikolu 33 tal-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, ħlief safejn dak l-att ikun jikkonsisti f'miżura temporanja u strettament neċessarja skont l-artikolu 33(11) tal-istess Att, jew ikun espressament awtorizzat b'deċiżjoni jew direzzjoni tal-Kabinett tal-Ministri taħt l-artikolu 78 ta' dan l-Att.".

## Dispożizzjoni tranżitorja.

11. (1) L-emendi magħmula b'dan l-Att għandhom japplikaw għall-appelli dwar permessi li d-deċiżjoni dwarhom tkun ittieħdet fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att jew wara dik id-data.

(2) Meta, qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tal-artikolu 71(6A) tal-Att prinċipali, persuna tkun għamlet dikjarazzjoni ta' interess jew rappreżentazzjonijiet taħt l-artikolu 71(6) tal-Att prinċipali mingħajr ma tkun indikat indirizz elettroniku għan-notifika, l-Awtorità tista' titlob lil dik il-persuna tipprovdi tali indirizz fi żmien li jiġi indikat fit-talba; u, jekk dik il-persuna tonqos milli tipprovdi indirizz elettroniku għan-notifika f'dak it-terminu, kull notifika jew komunikazzjoni ulterjuri magħmula permezz tal-pubblikazzjoni jew tas-sistema elettronika tal-Awtorità, jew b'dak il-mezz ieħor li l-Awtorità jew it-Tribunal iqisu xieraq, għandha titqies bħala biżżejjed għall-finijiet ta' dan l-Att u tal-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, kemm-il darba t-Tribunal ma jordnax mod ieħor fl-interess tal-ġustizzja.

# GĦANIJIET U RAĠUNIJIET

L-għan ta' dan l-Abbozz huwa li jagħmel emendi konsegwenzjali fl-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp sabiex dan ikun konsistenti mas-sistema ta' sospensjoni awtomatika ta' permessi meta jiġi ppreżentat appell taħt l-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar.

L-Abbozz jipprovdi wkoll għal reġistrazzjoni u annotazzjoni ta' permessi sospiżi, għal kontroll fuq avviżi ta' bidu u ċertifikati ta' konformità matul perjodi ta' sospensjoni, għal konsegwenzi ta' infurzar u reati f'każ ta' xogħlijiet jew użu bi ksur tas-sospensjoni, u għal mekkaniżmu limitat u motivat fejn il-Kabinett tal-Ministri jista' jagħti deċiżjoni jew direzzjoni dwar is-sospensjoni f'każijiet ta' interess pubbliku prevalenti.

## Anness B
## Emendi għall-Kap 551 u 552

Din it-tabella tagħti spjegazzjoni funzjonali tal-emendi proposti fiż-żewġ abbozzi. Hija ma tissostitwixxix it-test leġiżlattiv, iżda tidentifika l-iskop ta' kull dispożizzjoni u r-rwol tagħha fil-qafas ġenerali tar-riforma.



| DISPOŻIZZJONI | X'TAGĦMEL | SKOP |
|---|---|---|
| **Kap. 551 - Art. 2** | Jintroduċi definizzjonijiet dwar l-assistent ġudizzjarju, il-ġudikat, l-indirizz elettroniku u l-permess. | Joħloq il-vokabolarju legali meħtieġ għas-sospensjoni, in-notifika u l-kontinwità wara rinviju. |
| **Kap. 551 - Art. 6** | Jagħti lit-Tribunal setgħa jaħtar assistent ġudizzjarju għal funzjonijiet proċedurali speċifikati. | Iżid il-kapaċità proċedurali mingħajr ma jċaqlaq il-funzjoni deċiżorja mit-Tribunal. |
| **Kap. 551 - Art. 11** | Iħassar il-paragrafu (g) u jirrinumera l-paragrafu sussegwenti. | Jallinja l-funzjonijiet tas-Segretarju mal-istruttura proċedurali emendata. |
| **Kap. 551 - Art. 15A** | Joħloq lista tal-partijiet, reġistru elettroniku u regoli dwar indirizzi għan-notifika. | Inaqqas dubji dwar is-servizz u jistabbilixxi meta jibdew jiddekorru t-termini. |
| **Kap. 551 - Art. 15B** | Jagħti setgħa ġenerali lit-Tribunal joħroġ u jemenda direttivi proċedurali. | Jippermetti case management flessibbli sabiex jiġu evitati dewmien u spejjeż għalxejn. |
| **Kap. 551 - Art. 17** | Jawtorizza lit-Tribunal u lill-assistent debitament awtorizzat iħarrku xhieda u jamministraw ġuramenti. | Jiffaċilita l-ġbir tal-prova taħt l-awtorità tat-Tribunal. |
| **Kap. 551 - Art. 20** | Jistabbilixxi terminu ta' għoxrin jum għar-risposti ta' parteċipanti li mhumiex appellanti. | Jikkonsolida l-pożizzjonijiet bil-miktub kmieni fil-proċess. |
| **Kap. 551 - Art. 21** | Jorbot ir-risposta tat-terza persuna mat-terminu tal-artikolu 20 u jneħħi restrizzjoni fuq l-aċċess. | Jarmonizza t-termini u jħalli l-preżenza fuq is-sit tiġi regolata mit-Tribunal. |
| **Kap. 551 - Art. 23** | Jistabbilixxi l-ewwel seduta fi żmien xahrejn, jew fi żmien iqsar taħt l-artikolu 34. | Jiddistingwi bejn il-kors ordinarju u l-kors urġenti. |
| **Kap. 551 - Art. 24** | Jippermetti li passi awtorizzati jsiru quddiem it-Tribunal jew assistent ġudizzjarju. | Jgħin fit-tmexxija effiċjenti tal-provi, dokumenti u sottomissjonijiet. |
| **Kap. 551 - Art. 25** | Jikkoordina appelli multipli mill-istess deċiżjoni jew permess. | Jevita duplikazzjoni, dewmien u riżultati mhux koordinati. |
| **Kap. 551 - Art. 29** | Jippermetti lill-assistent awtorizzat iwettaq il-funzjoni speċifikata fl-artikolu. | Jappoġġja l-ħeffa tal-proċedura taħt kontroll tat-Tribunal. |
| **Kap. 551 - Art. 31** | Jagħti setgħat speċifiċi lit-Tribunal wara rinviju mill-Qorti. | Jiżgura eżekuzzjoni effettiva tas-sentenza filwaqt li jħares id-dritt tas-smigħ. |
| **Kap. 551 - Art. 33** | Jistabbilixxi sospensjoni awtomatika, il-portata tagħha, il-kontinwità sal-ġudikat u l-konsegwenzi tal-ksur. | Il-qalba tar-rimedju: l-appell ma jiġix svujtat mill-implimentazzjoni tal-permess. |

| DISPOŻIZZJONI | X'TAGĦMEL | SKOP |
|---|---|---|
| **Kap. 551 - Art. 33A** | Jistabbilixxi avviż elettroniku u annotazzjoni mill-Awtorità. | Jagħmel l-istatus magħruf mingħajr ma jagħmel in-notifika jew l-annotazzjoni kostituttivi. |
| **Kap. 551 - Art. 34** | Joħloq kors urġenti: seduta fi tletin jum u deċiżjoni fi sitt xhur, b'regoli dwar estensjoni, dewmien, rinviju u art. 78. | Jibbilanċja s-sospensjoni b'obbligu istituzzjonali ta' ħeffa. |
| **Kap. 551 - Art. 35** | Jistabbilixxi terminu ta' sena għal appelli oħra, estendibbli darba għal sitt xhur. | Jippreserva kors ordinarju b'limiti fuq prova jew sottomissjonijiet tardivi. |
| **Kap. 551 - Art. 38A** | Joħloq skeda ċċertifikata tal-partijiet u l-indirizzi wara d-deċiżjoni. | Jiffaċilita n-notifika u s-servizz fl-istadju tal-Qorti. |
| **Kap. 551 - Art. 42** | Jirregola t-tmiem tas-sospensjoni wara ċessjoni, irtirar jew abbandun. | Jevita tmiem prematur qabel ma d-deċiżjoni relattiva tgħaddi in ġudikat. |
| **Kap. 551 - Art. 44** | Jirregola l-aċċess fuq is-sit, il-preżenza, is-sigurtà, il-privatezza u l-ispejjeż. | Jagħti lit-Tribunal kontroll proporzjonat fuq l-ispezzjoni tal-post. |
| **Kap. 551 - Art. 47** | Jeħtieġ rikors separat għas-sospensjoni f'appelli ambjentali u deċiżjoni fi tletin jum. | Jippreserva r-reġim distint tal-ERA filwaqt li jżid terminu ċar. |
| **Kap. 551 - Art. 51** | Jipposponi appell minn deċiżjoni parzjali sal-appell mid-deċiżjoni finali. | Jevita frammentazzjoni interlokutorja. |
| **Kap. 551 - Art. 52** | Jikkonferma t-terminu ta' għoxrin jum u jitlob lill-Qorti tiddeċiedi l-aggravji kollha fejn possibbli. | Jsaħħaħ il-finalità u jnaqqas rinviji ripetuti. |
| **Kap. 551 - Art. 52A** | Jagħmel il-preżentata elettronika r-regola quddiem il-Qorti tal-Appell. | Jiddiġitalizza l-istadju tal-Qorti u jistabbilixxi regoli dwar il-ħin tal-preżentata. |
| **Kap. 551 - Art. 52B** | Joħloq kors urġenti għall-appell minn deċiżjoni dwar permess sospiż. | Jorganizza l-appuntament, in-notifika, ir-risposta, it-trasmissjoni tal-atti u t-terminu għas-sentenza. |
| **Kap. 551 - Dispożizzjoni tranżitorja** | Tapplika l-emendi għal appelli dwar permessi li d-deċiżjoni dwarhom tkun ittieħdet fid-data tad-dħul fis-seħħ jew wara, u tipproteġi xogħol legali magħmul qabel l-appell. | Tidentifika l-linja temporali tal-Kap. 551. |

| DISPOŻIZZJONI | X'TAGĦMEL | SKOP |
|---|---|---|
| **Kap. 552 - Art. 2** | Jintroduċi d-definizzjoni ta' "permess sospiż". | Jorbot it-terminoloġija tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp mas-sospensjoni taħt Kap. 551. |
| **Kap. 552 - Art. 71** | Jeħtieġ indirizz elettroniku mingħand min jagħmel dikjarazzjoni ta' interess jew rappreżentazzjonijiet u jirregola l-konsegwenza tan-nuqqas. | Jgħaqqad il-parteċipazzjoni fil-proċess tal-permess man-notifika effettiva fl-appell. |
| **Kap. 552 - Art. 72** | Jirregola l-effett tas-sospensjoni fuq il-permess, l-avviżi ta' bidu u l-mogħdija taż-żmien, b'eċċezzjoni għal miżuri urġenti u deċiżjonijiet taħt l-artikolu 78. | Jipprevjeni implimentazzjoni amministrattiva tal-permess waqt is-sospensjoni u jipproteġi l-validità tiegħu. |
| **Kap. 552 - Art. 72A** | Joħloq annotazzjoni fil-fajl diġitali u obbligu li din tiġi aġġornata matul il-ħajja tas-sospensjoni. | Jagħmel l-istatus viżibbli u traċċabbli mingħajr ma jagħmel l-annotazzjoni kostituttiva. |
| **Kap. 552 - Art. 73** | Jipprekludi jeddijiet kweżiti, aspettattivi, commitment, sanzjonar, regolarizzazzjoni jew benefiċċji minn ksur tas-sospensjoni. | Jevita li fatt kompjut illegali jinbidel f'vantaġġ ta' ppjanar. |
| **Kap. 552 - Art. 78** | Iqassar it-terminu tar-riferiment, jirregola d-deroga mill-Kabinett, jimponi motivazzjoni u proporzjonalità u joħloq kontestazzjoni urġenti quddiem il-Qorti. | Jistruttura l-eċċezzjoni ta' interess pubbliku u jqiegħedha taħt kontroll ġudizzjarju. |
| **Kap. 552 - Art. 97** | Jikkwalifika xogħol jew użu taħt permess sospiż bħala żvilupp kontra l-Att u jippermetti avviżi ta' waqfien u twettiq. | Jagħti bażi espressa għall-infurzar tas-sospensjoni. |
| **Kap. 552 - Art. 102** | Jillimita l-ħruġ ta' ċertifikati fuq xogħol jew użu magħmul bi ksur sakemm il-ksur u l-miżuri pendenti jiġu rimedjati. | Jipprevjeni ċertifikazzjoni amministrattiva ta' sitwazzjoni maħluqa illegalment. |
| **Kap. 552 - Art. 103** | Joħloq reat għal żvilupp, xogħol, użu jew operazzjoni taħt permess sospiż, b'eċċezzjonijiet limitati. | Isaħħaħ l-osservanza permezz ta' responsabbiltà penali espressa. |
| **Kap. 552 - Dispożizzjoni tranżitorja** | Tapplika għal permessi maħruġa mid-data rilevanti, tħalli appelli pendenti taħt il-liġi preċedenti, tipproteġi xogħol legali preċedenti u tirregola indirizzi elettroniċi neqsin. | Tistabbilixxi l-bidla bejn ir-reġimi. |

## infrastruttura



infrastruttura